5



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

---

**Abbonament għal sena**

Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex tikber fostna devozzjoni sinċiera lejn l-Omm tagħna tas-Sema.

Gozo Press.

SENA II — NRU. 7

Lulju — Settembru 1981

---

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


- * Il-kelma tar-Rettur 193
- * Is-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu 194
- * To the Virgin Mary "Theotokos", veneration, gratitude, confidence 199
- * Il-Musbieħ Marjan 203
- * Kungress Ewkaristiku Internazzjonali Ġewwa Lourdes 204
- * Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku Matul iż-Żmenijiet (6) 207
- * Santa Marija u l-Gżejjer Maltin 208
- * Kelmtejn fuq id-Dinjita' u l-Kobor ta' l-Omm ta' Alla 211
- * Konkors Novelli Dwar il-Madonna 213
- * Tħejjija għaċ-Ċentinarju tad-Dehra 214
- * L-Ittra tal-Papa Maqluba għall-Malti 215
- * Iċ-Ċensier......il-Benniena......u Karmni Grima 216
- * Ċentru Kulturali Marjan f'Ta' Pinu 218
- * Kronaka tas Santwarju 219
- * Grazzi Madonna Għax Smajtni 222


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Kien it-13 ta' Mejju, jum waħda mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima. Il-Papa kien qiegħed jagħmel bħas-soltu dawra mal-pjazza ta' San Pietru fil-karozza bajda miftuħa qabel ma jibda l-Udjenza Ġenerali. F'daqqa waħda jinstemgħu tiri ta' revolver li jolqtu lill-Papa f'żaqqu. Mgħejjun mis-segretarju tiegħu jinżel bil-mod bilqegħda fuq is-siġġu waqt li jlissen il-kelmiet "miġugħ, miġugħ ħafna, Ġesù tiegħi, Madonna tiegħi".*

*Il-Papa vittma ta' ġuvni Tork. Il-vjolenza, imrewwħa minn nies irresponsabbli u nies li jfittxu l-interessi tagħhom biss, u li fi żminijietna saret tant komuni, waslet ukoll fuq il-Vigarju ta' Kristu. Id-difensur tal-bniedem u tal-ħajja, dak li jippriedka fid-dinja kollha l-imħabba u l-paċi, l-avukat u promotur tad-drittijiet tal-bniedem, missier u ħu l-foqra, il-ħabib taż-żgħażagħ, kien f'xifer il-mewt, imma Kristu li jirrappreżenta u l-Madonna li tant iħobb, bil-għajnuna tat-tobba, ħelsuh mill-mewt.*

*Kemm hija kerha l-vjolenza. Imma kemm aktar tikrieh meta titpatta bil-vjolenza.*

*Anke hawn il-Papa fil-mumenti tat-tbatija tiegħu jgħallimna kif għandna nġibu ruħna. Erbat ijiem wara dan l-attentat, permezz ta' recording, huwa kellem lill-folla miġbura fl-istess pjazza fejn ġie ferut u wara li rringrazzja lil dawk kollha li kienu qegħdin jitolbu għalih qal: "nitlob għal ħija li laqatni u li jiena sinċerament ħfirtlu". Imbagħad, wara li magħqud ma' Kristu bħala saċerdot u vittma offra t-tbatijiet tiegħu għall-Knisja u għad-dinja, sellem lill-Madonna u qalilha: "u lilek Marija, nerġa' ntennilek, JIENA KOLLNI KEMM JIEN TIEGĦEK."*

*X'xhieda ta' mħabba, x'xhieda ta' għaqda ma' Kristu, x'xhieda ta' fiduċja fil-Madonna?*

*Kemm tkun ħaġa sabiħa u siewja kieku, meta xi ħadd jagħmlilna l-ħsara, jew il-ħajja titfa' t-tempesti tagħha fuqna, ningħaqdu ma' Kristu u noffru t-tbatijiet tagħna għal ħutna fil-bżonn u nħallu lilna nfusna f'idejn l-Omm tagħna tas-sema u ntennulHa: "O OMM L-AKTAR ĦANINA, JIENA TIEGĦEK, KOLLNI KEMM JIEN TIEGĦEK".*

**Mons. Beneditt Camilleri.**

# Is-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

Wara li smajna dan il-ħjiel fil-qosor dwar il-ħajja ta' Karmni Grima u ta' Franġisk Portelli, nistgħu nifhmu aħjar l-esperjenzi straordinarji li ġarrbu fis-Santwarju, u li fost l-Għawdxin u nies oħra hija magħrufa bħala d-dehra tal-Madonna Ta' Pinu.

L-aħjar kitba fuq din il-ġrajja, hija dik tal-Kanoniku Dekan tal-Katidral t'Għawdex, Mons. Ġużeppi Farrugia, fil-ktieb tiegħu "La Beata Vergine Ta Pinu, in Gozo". (30) Dana



**Mons. Ġużeppi Farrugia, Dekan tal-Katidral t'Ghawdex, li kiteb l-istorja tas-Santwarju Ta' Pinu bit-Taljan**

huwa hekk, mhux biss għaliex Mons. Farrugia kien igħix kważi fl-istess żmien li fih twettqu dawn l-avvenimenti, imma wkoll għaliex ftit kellhom l-istess vantaġġi li kellu huwa li jindaga u jitkixxef biex isib id-dettalji kollha u ma jaħrablu xejn. Mhux għaġeb immela, li dawk l-oħrajn kollha li kitbu fuq il-ġrajja ewlenija tas-Santwarju Ta' Pinu, ikkuntentaw ruħhom li jġibu dak li qal huwa jew għall-inqas xi siltiet mill-ktejjeb tiegħu. (31)

L-istorja, kif jirrakkuntaha Mons. Farrugia, hija din: Jum fix-xahar ta' Ġunju 1883, Karmela Grima, bint il-mejjet Tommasu, xebba bidwija mill-Għarb, li kellha 45 sena magħluqa, kienet ġejja lura lejn darha, mill-għalqa tagħhom in-naħa tal-Ġurdan, fil-waqt li kienet tirreċita xi talbiet privati tagħha. Kienu qrib l-għaxra ta' fil-għodu. Xħin waslet f'dik il-parti tat-triq li tingħaqad mal-passaġġ li jwassal għall-Knisja Ta' Pinu, semgħet għal darbtejn jew tlieta leħen isejħilha: "Ejja, Ejja". Il-mara kkonfondiet ħafna, għaliex ma kien hemm ħadd f'dak il-ħin fl-għelieqi li dak il-leħen seta' kien tiegħu. Wara li damet għal ftit ma tafx x'ser tagħmel, iċċaqalqet u bdiet miexja mill-ġdid. Imma l-leħen ta' qabel reġa' tenna: "Ejja llum, għaliex qabel sena ma tkunx tista' tiġi." Għalhekk, hija reġgħet xi passi lura sabiex taqbad il-passaġġ u bdiet miexja bil-mod u beżgħana, għax ħasbet li ser issib lill-Verġni Mbierka nnifisha, mhux impittra fuq it-tila. Imma xħin waslet ħdejn il-bieb tal-kappella li kienet magħluqa u ttawlet mit-tieqa zgħira miftuħa fl-istess bieb, xħin rat li ma kien hemm ħadd, għamlet ftit tal-kuraġġ lilha nnifisha, u għad li kien għad fadlilha l-biża', daħlet fil-knisja. Talbet għal ħin wieħed u ġarrbet hena mhux tas-soltu; u xħin spiċċat qagħdet ittella' u tniżżel taħseb x'sejra tirreċita iżjed. F'dak il-ħin, l-istess leħen reġa' qalilha: "Irreċita tliet Ave b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar". Qalet it-tliet slimiet b'ħeġġa ta' devozzjoni ikbar u reġgħet lura lejn darha u matul sena sħiħa ma kellhiex okkażjoni li terġa' tmur lejn dawk l-inħawi tas-santwarju.

Dak li ġara f'dak il-jum, Karmni żammitu bħala sigriet; irrakkontatu biss madwar sentejn wara lil Franġisk Portelli, fil-waqt li kienet tirrikkmandalu d-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu. Tħajret tafdalu dan is-sigriet, għax kienet tafu bħala żagħżugħ mogħti għall-ħajja ta' pjetà. Huwa wera ruħu kuntent ħafna, imma ma żied xejn iktar. F'okkażjoni oħra però, mistoqsi minn Karmela jekk kienx sema' huwa wkoll xi ħaġa straordinarja f'dik il-knisja, wieġeb iva. Qalilha li għal madwar sitt darbiet huwa kien sema' b'mod sensibbli l-leħen tal-Madonna li rrikkmandatlu d-devozzjoni lejn il-pjaga tal-ispalla tal-Iben Divin tagħha, li kienet saritlu bit-toqol tas-salib, fil-ħin li kien iġorru għall-Kalvarju.



**Mons. Pietru Pace, li kien Isqof t'Għawdex fi żmien id-dehra**

Wara li kienu għaddew ix-xhur minn dawn il-ġrajjiet, bdiet tiġri x-xniegħa li l-Madonna ta' Pinu kienet kellmet lil tnejn min-nies mill-Għarb. Sadattant, il-għadd tan-nies li kienu jmorru jżuru s-Santwarju beda jikber ġmielu. Dan wasal ukoll f'widnejn l-Arċipriet ta' dak ir-raħal, li f'dik il-ħabta kien il-Kanoniku Dun Franġisk Saverju Debrincat. Biex ikun fi żgur, l-Arċipriet mar għand l-isqof t'Għawdex, Mons. Pietru Pace u wara li nformah b'dak kollu li sema', staqsih x'għandu jagħmel. L-Isqof deherlu li wieħed għandu jistenna, għaliex qallu, li jekk dik il-ġrajja kienet ġejja mis-sema, Alla nnifsu jsib mezz sabiex kulħadd isir jaf il-verità. (32)

Iktar tard però, Mons. Pace ra l-ħtieġa li jiġu msejħa Karmni Grima u Franġisk Portelli sabiex jistqarru huma stess dak li ġara fis-Santwarju Ta' Pinu, u qabbad lill-Arċipriet biex jagħmel dan l-istħarriġ.

Fit-23 ta' Marzu, 1887, l-Arċipriet Debrincat sejjaħ lil Franġisk u dan beda biex jirrakkontalu l-istorja tal-fejqan ta' ommu, Ċensa Portelli, kif iddeskrivejniha fit-taqsima ta' qabel. Portelli stqarr ukoll li waqt li kien fil-kappella Ta' Pinu, aktar minn ħames jew sitt darbiet, sema' leħen igħidlu: "Ħarbrek biex tkun devot lejn il-pjaga ta' l-ispalla ta' Ibni li kienet magħmula mis-salib, waqt li kien tiela' għall-Kalvarju, u ħabrek ħalli anke l-oħrajn ikollhom l-istess devozzjoni.' "

Fis-26 ta' Marzu, 1887, ġiet imsejħa quddiem l-istess Arċipriet Karmni Grima u din irreferitlu l-ġrajja li diġà semmejna, ċioè li meta kienet ġejja mir-raba ta' Ġurdan, waqt li kienet għaddejja minn quddiem il-kappella, semgħet min isejħilha. Xħin daħlet fil-kappella, il-vuċi misterjuża qaltilha: "Għid tliet Ave Marija b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam midfun ġewwa l-qabar, qabel l-Assunzjoni." Jidher però, li Karmni ma kienx għadha tiftakar eżatt is-sena u ż-żmien li fih twettqet din il-ġrajja. (33).

Il-Kanoniku Farrugia jżid igħidilna li qrib nofs is-sena 1887, Karmni Grima wara li ġiet mitluba espressament mill-Isqof Mons. Pietru Pace u ħadet il-ġurament li tgħid il-verità, irrakkontat lill-Isqof din l-istess ġrajja. L-awtur imsemmi jistqarr li huwa kellu x-xorti li jisma' dan ir-rakkont minn fomm l-Isqof innifsu u qrah ukoll fl-istqarrija ddettata minn Karmni u miktuba mill-Arċipriet. Però iktar tard, meta ġieħ il-ħsieb li jikteb l-istorja tal-ġrajjiet Ta' Pinu, peress li ma kienx sar proċess apposta biex jinstemgħu x-xhieda u jiġu rreġistrati l-istqarrijiet tagħhom bir-reqqa kollha, Mons. Farrugia ma rnexxielux jikseb id-dokumenti li xtaq. Għalhekk huwa talab lill-Arċipriet Debrincat sabiex jerġa' jistaqsi lil Karmni Grima u jikteb ix-xhieda tagħha.

Din it-tieni depożizzjoni jew stqarrija ta' Karmni Grima quddiem l-Arċipriet saret fit-8 ta' Settembru, 1890. Mons. Farrugia jgħidilna li kienet taqbel mar-rakkont tal-ġrajja, kif huwa stess kien semgħu minn għand l-Isqof u kif kien qrah fl-ewwel dokument minn id l-Arċipriet Debrincat. (34).

F'din it-tieni stqarrija hu msemmi li l-ġrajja tad-dehra twettqet aktarx f'Ġunju 1883, jiġifieri erba' snin qabel ma Karmni ġiet imsejħa biex tagħti l-ewwel xhieda tagħha. F'dan it-tieni dokument hemm miktub li Karmni semmiet ukoll xi esperjenza reliġjuża li kienet ġarrbet waqt li kienet titlob fit-triq hija u sejra lejn il-Kappella Ta' Pinu, fil-5 ta'

Lulju, 1888, fil-għodu kmieni. Fost affarijiet oħra qalet li rat bħal dawl jiddi fuq il-knisja u ħasset paċi nterna u ferħ li ma jistax jitfisser. (35)

Kien għad fadal iżda diffikultà oħra, jiġifieri dik li tinstab il-ġurnata u d-data preċiża tad-dehra. Kif jirriżulta mit-tieni xhieda tagħha, Karmni kien għadha tiftakar biss li l-ġrajja twettqet f'Ġunju, tal-1883. Din id-diffikultà ħallha Dun Alfons Marija Hili li f'dak iż-żmien kien rettur tas-santwarju Ta' Pinu. Huwa tkellem ma' Karmni u minn għandha sar jaf li l-ġurnata tad-dehra kienet il-Ġimgħa u kien jum qrib it-tmiem tax-xahar ta' Ġunju. Wara li għamel dan, ħa f'idejh il-Kalendarju tas-sena 1883, is-sena tad-dehra, sab li fix-xahar ta' Ġunju kien hemm jum il-ġimgħa għal ħames darbiet, jiġifieri 1, 8, 15, 22, 29. B'metodu ta' eliminazzjoni, Dun Alfons wasal biex jiddeċiedi li l-jum tad-dehra kien it-22 ta' Ġunju. Difatti, peress li Karmni qaltlu li semgħet il-leħen tal-Madonna fl-aħħar parti tax-xahar ta' Ġunju, l-ewwel tliet possibilitajiet (1, 8, 15 tax-xahar) ġew esklużi. L-anqas seta' kien il-jum 29 tax-xahar, għaliex peress li dak huwa jum l-Imnarja, f'dak iż-żmien festa kkmandata, Karmni dak inhar żgur li ma marritx fil-għalqa għax-xogħol. (36)

Hekk il-jum tat-22 ta' Ġunju sar jum għażiż għall-insara tal-gżejjer Maltin. Fih, ta' kull sena, qtajja' kbar ta' nies iżuru s-santwarju Ta' Pinu u waqt li jiftakru fil-ġrajjiet li semmejna, juru qimithom lejn l-Imqaddsa Verġni Marija.

## REFERENZI:


(30) Can. Teol. D. Giuseppe Farrugia "La Beata Vergine Ta' Pinu in Gozo" pag. 13-14.

(31) Dun Amante Buontempo "Il-Madonna Ta' Pinu" (1947) Mons. Can. D. Paolo Cauchi "Storia tal-Madonna ta' Pinu" (1935) Dun Franġisk Borg "Is-Santwarju Bażilika tal-Madonna ta' Pinu" (1958) Comm. Edgar G. Montanaro "The Blessed Virgin of Ta' Pinu Sanctuary" (1964).

(32) D. Amante Buontempo Op. Cit. pag. 14.

(33) Noti miktubin mill-Arċipriet F.S. Debrincat, ikkonservati fl-arkivju Ta' Pinu.

(34) Can. Teol. G. Farrugia Op. Cit. pag. 15.

(35) Noti tal-Arċipriet Debrincat.

(36) D. Franġisk Borg. Op. Cit. pag. 10-11.

**POPE JOHN PAUL'S RECORDED ADDRESS IN ST. MARY MAJOR'S**



# To the Virgin Mary "Theotokos", veneration, gratitude, confidence

*On Pentecost Sunday afternoon, 7 June, in the Basilica of St. Mary Major, the solemn celebration of the anniversaries of the Councils of Constantinople I and Ephesus was brought to a conclusion.*

*After the singing of Second Vespers of Pentecost and the "Acathistos" Hymn, the procession with the image of the Madonna, proclaimed Mother of God by the Council of Ephesus, made its way to the Esquiline Square outside. Before the final blessing, the prerecorded message of Pope John Paul II was broadcast to the fifty cardinals, more than two hundred fifty bishops from all over the world, many representatives of various Christian Churches and Communities, and thousands of faithful present for the celebration.*

*The following is the text of the Holy Father's message.*

## I: Act of veneration

1. *Credo in Spiritum Sanctum, Dominum et vivificantem.*

These words, by which the Church professes her faith, brought us together, this Pentecost morning, in the Basilica of Saint Peter. For this year it is sixteen hundred years since the First Council of Constantinople, which with these very words expressed faith in the divinity of the Holy Spirit: *Qui cum Patre et Filio simul adoratur et conglorificatur.*

Those same words have brought us, on this Pentecost evening, to the Basilica of Saint Mary Major. For if, venerable Brothers in the Episcopate, we must pay the full homage of adoration to the Holy Spirit who "gives life" (*credo in Spiritum Sanctum, Dominum et vivificantem!*), then we must venerate him especially in Jesus Christ: in that Jesus who was conceived of the Holy Spirit, and born of the Virgin Mary. He, he alone, is the most splendid fruit of the work of the Holy Spirit in the whole history of creation and redemption. He is the most perfect fullness of this life that the Holy Spirit gives: God from God, Light from Light, begotten — as the Son from the very substance of the Father — and not created, who for us men and for our salvation was incarnate in the womb of the Virgin Mary by the power of the Holy Spirit.

* * *

2. And so in order to venerate the Holy Spirit of this jubilee, which demands from each of us a particular devotion to him, we have now come on this Pentecost evening to this Marian Basilica of Rome, the church which for so many centuries has honoured precisely on this spot that pinnacle and that fullness of the power of the Holy Spirit in man.

A further reason for this gathering is the fact that during the Year of our Lord 1981, which marks the sixteenth centenary of the First Council of Constantinople, there also falls the 1550th anniversary of the Council of Ephesus, which in the living tradition of the Church is marked as both the Christological and the Mariological Council. The most splendid work wrought by the Holy Spirit through the Incarnation, that is, the Eternal Word, God the Son, becoming man, was accomplished through the conscious consent and the humble "fiat" of her who, when she became the Mother of God, said of herself: "Behold, I am the handmaid of the Lord" (Lk. 1:38).

Thus the work of the Holy Spirit, the most perfect work in the history of creation and salvation, is simultaneously made up of the fact that the Son of God, of the very substance of the Eternal Father, became man — and of the fact that Mary of Nazareth, the handmaid of the Lord, of the house of David, became the true Mother of God: *Theotokos*. This truth was professed by the Fathers of the Council of Ephesus, and the whole Christian people received this proclamation with very great joy.

3. And so, Venerable Brothers, and all of you, dear sons and daughters, we have come to this Marian Basilica of Rome to proclaim — taking advantage of the two important anniversaries that coincide — the *magnalia Dei;* the great works of God, which illuminate the path of the Church through the centuries and the millennia. At this time, as we approach the end of the second millenium since Christ's Coming, we desire with renewed zeal and faith to gaze once more upon these paths that brought him into the world and that linked him with the history of the great human family for all time. These paths have passed through the inscrutable action of the Holy Spirit — he who is Lord, the giver of life — and at the same time through the humble heart of the handmaid of the Lord, Mary of Nazareth.

*Benedictus Dominus Deus Israel, quia visitavit et fecit redemptionem plebis suae! (Lk. 1:68).*

*Magnificat anima mea Dominum...quia fecit mihi magna qui potens est! (Lk. 1:46, 49).*

## II. Act of thanksgiving

4. When we gathered this morning in the Basilica of Saint Peter in the Vatican, that splendid church seemed to us like the humble Upper Room in Jerusalem, where Christ appeared after his Resurrection, and, when he had greeted the Apostles with the greeting of peace, he breathed on them, saying: "Receive the Holy Spirit" (Jn 20:22). Through these words they received the Gift that he had won for them by his Passion, and at the same time they were entrusted to the Holy Spirit on the missionary path that Christ opened before them: "As the Father has sent me, even so I send you" (Jn 20:21). At that moment the whole Church was entrusted to the Holy Spirit for all time.

In the words uttered on the evening of the day of the Resurrection there was already the beginning of the Pentecost of the festivities in Jerusalem. We who are gathered together on the feast of Pentecost in the Year of our Lord 1981 desire to receive anew the same Gift, as we persevere as the Successors of the Apostles of the Upper Room in fervent dedication to the Holy Spirit, to whom Christ at that very time entrusted the Church in an irreversible way, until the end of the world.

5. And here, at this Marian Basilica of Rome, we are aware in a new way of our

similarity with the Apostles, who, gathered in the Upper Room, persevered in prayer with Mary, the Mother of Christ. We have come here because, as we remember in a special way the presence of Mary at the Church's birth, we fix our gaze upon her marvellous Motherhood, which is for us a source of hope and inspiration along the missionary path which we have inherited from the Apostles — inherited after the day of Pentecost in Jerusalem.

6. How beautiful it is to be here! Second Vatican Council, which proclaimed in our century the *magnalia Dei*, has manifested to us Mary's special place in the mystery of Christ and at the same time of the Church; and has shown us this place by following faithfully the teaching of the ancient Councils and the light inherited from the great Fathers of the Church and Teachers of the faith.

"As Saint Ambrose taught, the Mother of God is a type of the Church in the order of faith, charity and perfect union with Christ...The Church indeed contemplating her hidden sanctity, imitating her charity... becomes herself a mother. By preaching and baptism she brings forth children, who are conceived of the Holy Spirit and born of God, to a new and immortal life...; in her apostolic work too, (she) rightly looks to her who gave birth to Christ, who was thus conceived of the Holy Spirit and born of a virgin, in order that through the Church he could be born and increase in the hearts of the faithful" (*Lumen Gentium*, 63-65).

7. Let us thank the Holy Spirit for the day of Pentecost! Let us thank him for the birth of the Church! Let us thank him because at that birth was present the Mother of Christ, who persevered in prayer with the first Community!

Let us give thanks for the Motherhood of Mary, which was communicated to the Church and continues to be so! Let us give thanks for the Mother who is ever present in the Upper Room of Pentecost! Let us give thanks because we can also call her the Mother of the Church!

## III. Act of dedication

8. You, who more than any other human being were entrusted to the Holy Spirit, help your Son's Church to persevere in the same dedication, that she may be able to pour out upon all people the indescribable benefits of redemption and sanctification, for the setting free of the whole of creation (cf. Rom 8-21).

You, who were with the Church at the beginning of her mission, intercede for her, that as she goes into all the world she may continually teach all nations and proclaim the Gospel to every creature. May the word of Divine Truth and the Spirit of Love find entry into people's hearts, because, without this Truth and this Love, they cannot really live the fullness of life.

You who in the fullest way knew the power of the Holy Spirit, when it was granted to you to conceive in your virginal womb the Eternal Word and bring him into the world, obtain for the Church the gift of being able continually to bring forth through water and the Holy Spirit the sons and daughters of the whole human family, without any distinction of language, race and culture, thus giving them the "power to become children of God" (Jn 1:12).

You, who are in such a profound and maternal way linked to the Church, by preceding along the paths of faith, hope and love the whole People of God, embrace all those who are on pilgrimage through the temporal life towards their eternal destiny, and do so with that love which the divine Redeemer himself, your Son, poured into your heart as he hung on the Cross. Be the Mother of all our earthly journeyings, however tortuous they may become, so that we may all meet again at last in that great community that your Son has called the flock, and offered for it his own life as the Good Shepherd.

You, who are the first Handmaid of the unity of Christ's Body, help us, help all the faithful who feel so keenly the tragedy of the historical divisions of Christianity, to

seek persistently the path to the perfect unity of the Body of Christ through unreserved fidelity to the Spirit of Truth and Love, granted to them at the price of the Cross and Death of your Son.

You, who ever desired to serve! You who serve as the Mother of the whole family of the children of God, gain for the Church that, being enriched by the Holy Spirit with the fullness of the hierarchical and charismatic gift, she may go on with constancy towards the future along the path of that renewal that comes from what the Holy Spirit says and which has found expression in the teaching of the Second Vatican Council, that she may take up, in this work of renewal, everything that is true and good, without allowing herself to be deceived in either one direction or the other, but by discerning assiduously among the signs of the times what serves the coming of the Kingdom of God.

Mother of all individuals and peoples, you know all their sufferings and hopes. In your motherly heart you feel all the struggles between good and evil, between light and darkness, that convulse the world: accept the plea which we make in the Holy Spirit directly to your heart, and embrace with the love of the Mother and Handmaid of the Lord those who most await this embrace, and also those whose act of dedication you too await in a particular way. Take under your motherly protection the whole human family, which with affectionate love we entrust to you, O Mother. May there dawn for everyone the tie of peace and freedom, the time of truth, time of peace and freedom, the time of truth, the justice and of hope.

You, who through the mystery of your particular sanctity, which was free from all stain from the moment of your conception, feel in a particularly profound way that "the whole creation has been groaning in travail until now" (Rom 8:22), while, being "subject to futility", it waits with eager longing to "be set free from its bondage to decay" (Rom 8:20-21), you ceaselessly contribute to "the revealing of the sons of God", which "creation awaits with eager longing"(Rom 8:19), in order to enter into the freedom of their glory (cf. Rom 8:21).

O Mother of Jesus, now glorified in heaven, in both body and soul, as the image and beginning of the Church that is to have its completion in the future age — here on earth, until the coming of the Day of the Lord (cf. 2 Pet 3:10) do not cease to shine before the pilgrim People of God as a sign of sure hope and consolation (cf. *Lumen Gentium*, 68).

God the Holy Spirit! who with the Father and the Son are adored and glorified! Accept these words of humble dedication addressed to you in the heart of Mary of Nazareth, your Spouse and the Mother of the Redeemer, whom the Church too calls Mother, for since the Upper Room of Pentecost the Church learns from her own vocation as a mother! Accept these words of the pilgrim Church, uttered amid labours and joys, amid fears and hopes, words that are the expression of humble and trusting dedication, words with which the Church which was entrusted to you the Spirit of the Father and the Son, in the Upper Room at Pentecost for ever, does not cease to repeat together with you to her divine Spouse: Come! The Spirit and the bride say to the Lord Jesus "Come" (cf. Rev 22:17)."Hence the universal Church is seen to be 'a people brought into unity from the unity of the Father, the Son and the Holy Spirit' " (*Lumen Gentium*, 4).

And so today we repeat: "Come", placing our trust in your motherly intercession, O clement, O loving, O sweet Virgin Mary.

# IL-MUSBIEĦ MARJAN

Kien nhar Santa Marija fil-għaxija. In-nies bi ħġarhom kienu sejrin għal din il-festa. Għalkemm ħadt pjaċir narahom sejrin, jien bqajt bil-qiegħda fuq il-bankina. Għaliex ngħid is-sewwa, fejn ikun hemm il-folla niddejjaq. F'temp ta' nofs siegħa, il-pjazza tbattlet min-nies għaliex il-karozzi tal-linja laħqu waħda lil oħra, kulħadd rikeb u jien bqajt waħdi. Il-pjazza baħħ.

Nibqa' waħdi nħares lejn il-vojt quddiemi u madwari ma ridtx, nidħol ġewwa l-anqas, allura qbadt nimxi għal għonq it-triq. Kont ilni miexja aktar minn siegħa meta ġejt qrib wied u fettilli ngħaddi minnu. Wara li mxejt għal xi kwarta oħra sibt ruħi quddiem razzett żgħir u fuq l-arkata tal-bieb kien hemm statwa tal-Madonna ġo niċċa. Waqaft inħares lejn l-istatwa għaliex għalkemm rajt ħafna statwi ta' Ommna Marija, bħal din qatt ma kont rajt. Kienet liebsa libsa bajda, Manteli, abjad ukoll, kien igħattilha rasha u jibqa' nieżel sa tarf il-libsa. Wiċċha kien kemm kemm samrani u l-ħarsa t'għajnejha kienet dik ta' Omm ħelwa u ħanina. F'idejha l-waħda kellha kuruna magħmula miż-żerriegħa tal-ħarrub u fl-oħra kellha musbieħ ċkejken li kien jixgħel b'dawl naturali. Madwar in-niċċa kien hemm miktub, "Jien Ommkom, inħobbkom. Qimuni permezz tar-Rużarju". Dak il-ħin tfaċċa sid-ir-razzett u staqsieni "Id-dawl mixgħul hux?". Jien weġibtu li kien. Imbagħad qalli li missieru kien qallu biex joqgħod attent li dak id-dawl iżommu dejjem mixgħul u jgħid hekk ukoll lil uliedu, għaliex permezz ta' dak id-dawl il-familja ġiet salvata mill-għawġ. U beda jirrakkonta. Qalli li nannuh kien bidwi bieżel u nanntu l-istess u dawn kellhom tifel wieħed biss: missieru Ġwakkin. Darba nannuh irċieva ittra anonima kontra martu li kienet tgħid li fit-tali ġurnata din kienet fit-tali post. Għall-ewwel ipprova ma jagħtix każ. Imma ġara li ġie wieħed ħabib tiegħu li kien issellef il-midra mingħandu biex jagħtihielu lura. Dan qallu li kien ġie biha fit-tali ġurnata u ma kien sab lil ħadd id-dar. Biex tagħqad, il-ġurnata kienet l-istess waħda li kien hemm miktub fl-ittra anonima. Qalb nannuh għamlet tikk. Wiċċu xegħel u rasu saħnet, għaliex hu kien dejjem igħid lil martu Anna biex ma twarrabx mir-razzett jekk ma jkunx hemm hu. U dejjem hekk kienu jagħmlu. Ħabibu telaq u hu daħal mgħaddab ħdejn martu. Hi nħasdet x'ħin ħarset lejh għaliex qatt ma ratu mgħaddab hekk. Hu wrieha l-ittra li kien irċieva. Hi ċaħdet u qaltlu li dik kienet kalunja. Imma hu qalilha li dak in-nhar ma kenitx id-dar. Hi wieġbet li qatt ma kienet warrbet mingħajr permess tiegħu Imbagħad ftakret li dak in-nhar hi kienet niżlet fil-kantina biex timla ftit ħall ħalli taħżen il-ġbejniet. Bi żball, binha kien ġerra l-firroll tal-bieba u sakkarha u hi damet ħafna titħabat sakemm irnexxielha tiftaħ. Imbagħad lil żewġha qaltlu li qisu dak il-ħin kien ġie ħabibu bil-midra u hi ma semgħetux. Għax inzerta li anke binha kien ħareġ jilgħab mat-tfal ġol-egħlieqi. Imma żewġha din ma niżlitlux. Sabbat il-bieb u telaq il-barra. Hu u ħiereġ imdagħdagħ, jerfa' rasu lejn l-istatwa tal-Madonna u jara li d-dawl kien mitfi. Ma kellux aptit jerġa' jidħol imma ftakar li dak id-dawl qatt ma kien rah mitfi. Allura daħal fuq ponot subgħajh u jara lil martu bid-dmugħ f'għajnejha u lil ibnu għarkobbtejhom quddiem ritratt ta' dik l-istatwa, u sema' lil martu tgħid: "Omm tiegħi, Inti taf li jien m'hiniex ħatja. Idħol għalina u żommna magħqudin". Xħin sema' dawk il-kelmiet daħal ħdejn martu u talabha taħfirlu. U rrakkontalha x'kien daħħlu ġewwa. Imbagħad ħarġu xegħlu l-musbieħ u rringrazzjaw lill-Madonna talli semghet talbhom hekk malajr u b'hekk baqgħu magħqudin. U l-musbieħ għadu jixgħel u l-bidwi jispera li wliedu u kull min ikun jgħammar f'dik id-dar, jibqa' jżommu mixgħul b'qima lill-Madonna.



**Kollni tiegħek, O Marija.**

**F'Għeluq il-100 Sena tal-Ewwel Kungress Ewkaristiku Internazzjonali: 1881 — 1981**



# Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ġewwa Lourdes

***(mis-16 sat-23 ta' Lulju, 1981)***

Bejn is-16 u t-23 ta' Lulju, ġie ċċelebrat it-42 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ġewwa l-belt ta' Lourdes fuq il-motto "Kristu fl-Ewkaristija hu **Ħobż Maqsum għal Dinja Ġdida".** Għal dan il-Kungress kellu l-ħsieb jieħu sehem il-Papa billi fit-tmiem imexxi Konċelebrazzjoni solenni tal-Ewkaristija Mqaddsa u jagħti lill-ġemgħa miġbura mid-dinja kollha l-messaġġ tiegħu.

Minħabba l-attentat sagrilegu fuq ħajtu fit-13 ta' Mejju, il-Qdusija Tiegħu l-Papa ma setax ikun preżenti għall-aħħar tlitt ijiem tal-Kungress u għalhekk bagħat minfloku bħala Legat Pontifiċju lill-Kardinal Bernardin Gantin li ppresieda l-funzjonijiet ewlenin tal-Kungress.

### Is-Sehem tal-Papa

Il-Papa minflok mar Lourdes, it-Tlieta, 21 ta' Lulju, mill-Policlinico Gemelli fejn kien rikoverat, xandar messaġġ bl-Eurovision lill-Kungressisti ġewwa Lourdes. Il-Papa dam jitkellem 45 minuta.

Il-messaġġ tal-Papa kien messaġġ sabiħ dwar l-Ewkaristija, dwar "Qsim il-Ħobż' (motto tal-Kungress), li hu biss jibni d-dinja, il-ġdida li l-insara u l-bnedmin ta' rieda tajba jixtiequ jibnu fid-dinja.

### Dinja Ġdida madwar Kristu

Din id-dinja ġdida, qal il-Papa, tista' tiġi biss minn Kristu, għandha tinbena madwar Kristu, hi dinja li se tiġi pperfezzjonata fil-ħajja l-oħra, hi dinja ġdida li tagħha din id-dinja hi biss il-bidu, hi dinja li ħarġet mis-Salib ta' Kristu. Id-dinja l-ġdida tinbena biss bis-sagrifiċċju, tiddependi minn dan is-sagrifiċċju ta' fuq is-Salib, ġiet imsaħħa mill-Qawmien ta' Kristu u Kristu ħalla d-dinja u reġa' lura għand il-Missier biss wara li ħallielna mezz kif aħna nkunu qisna preżenti għal dan is-sagrifiċċju.

### Il-Quddiesa hi s-sagrifiċċju ta' Kristu

Il-Quddiesa hi l-istess sagrifiċċju ta' Kristu. Hu Kristu li jistedinna naqsmu l-ħobż. Il-Qalb tal-Knisja għandha tgħasses

fuq dan il-misteru u għandha twasslu lill-bnedmin fis-sħuħija tiegħu kollha.

Is-Sagrifiċċju tal-Ewkaristija jagħti lil dawk li jissieħbu fih il-kuraġġ biex ikomplu mexjin 'il quddiem, is-saħħa biex ibatu u jmutu bħalma mietu l-martri. L-Ewkaristija għandha twassal għal imħabba u solidarjetà vera bejn il-bnedmin.

**L-Appell ta' l-Isqof ta' Tarbes u Lourdes**

Bħal ma għidna fuq, il-motto tal-Kungress kien: "Ġesù Kristu ħobż maqsum għal dinja ġdida". Kif spjega l-Isqof ta' Tarbes u Lourdes, Mons. Henri Donze, f'ittra lill-parteċipanti kollha, iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika għandha tħalli fina dawn l-effetti: (a) niltaqgħu ma' Kristu, (b) niltaqgħu ma' ħutna fil-ftehim u bir-rispett għal xulxin, (c) inħabirku biex ngħinu lill-oħrajn fil-bżonnijiet tagħhom u għalhekk inħabirku għall-ġustizzja, il-paċi u l-libertà biex naslu għal dik id-dinja ġdida li kulħadd jixtieq.

Dan iġib miegħu "konverżjoni" ġdida għaliex il-konverżjoni hija fil-qalba tat-tiġdid nisrani. Fuq dan il-punt il-messaġġ tal-Kungress Ewkaristiku jingħaqad mal-messaġġ ta' Lourdes, il-belt tal-Madonna.

**Il-Programm tal-Kungress**

Il-programm tal-Kungress kien imfassal fuq il-mudell tal-quddiesa. Kull ġurnata kellha bħala ħsieb ewlieni wieħed mill-mumenti prinċipali tal-quddiesa. Hekk wara l-ġurnata tal-ftuħ, l-ewwel ġurnata kienet iddedikata lill Knisja li tiltaqa' f'ġemgħa waħda fil-quddiesa; it-tieni li xxandar il-Kelma t'Alla; it-tielet li trodd ħajr lil Alla; ir-raba' li tiċċelebra t-tifkira tal-Mulej; il-ħames li ssejjaħ lill-Ispirtu s-Santu; is-sitta li tirċievi l-ġisem ta' Kristu; is-seba' li tipparteċipa fil-missjoni ta' Kristu.

**L-Għan tal-Kungressi Ewkaristiċi**

Il-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali, bħall-Kungressi Ewkaristiċi Nazzjonali u Djoċesani, huma wirjiet pubbliċi ta' fidi fl-Ewkaristija Mqaddsa. L-attivitajiet li jsiru bħala thejjija, konferenzi, taħdidiet, servizzi liturġiċi, laqgħat u fl-aħħar ċerimonji pubbliċi, iservu biex iħeġġu, iżidu twemmin u devozzjoni lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Dan il-Kungress ta' Lourdes, kien it-42 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Sar ġewwa Lourdes, fi Franza, għax fi Franza kien ġie ċċelebrat 100 sena ilu, fl-1881, l-ewwel Kungress Internazzjonali fil-21 ta' Ġunju bl-approvazzjoni tal-Papa Leone XIII.

**L-Ewwel Kungress**

Dan l-ewwel Kungress Ewkaristiku żviluppa ruħu minn proposta li għamlet Marie Marthe Tomisier minn Tourain. Għinha Mons. Louis Gaston de Segur, filwaqt li l-industrijalist Philibert Vrau tà appoġġ sħiħ.

Għal dan il-Kungress Internazzjonali attendew mat-800 ruħ minn Franza, il-Belġju, l-Olanda u l-Ingilterra, Spanja u l-Iżvizzera. Il-parteċipanti kienu jinkludu membri tal-Kleru reliġjużi u lajċi, rappreżentanti ta' Organizzazzjonijiet Kattoliċi.

**Il-Kungressi ta' wara**

Dawn il-Kungressi jkunu ppjanati u jinżammu taħt l-awspiċi ta' kumitat permanenti mwaqqaf għal dan il-għan. Minn dan l-ewwel Kungress sa dan l-aħħar Kungress ta' Lourdes, saru b'kollox tnejn u erbgħin. Mill-istorja ta' dawn il-Kungressi, insibu li t-tieni sar f'Avignon, fi Franza wkoll, fis-sena ta' wara 1882. Sena wara ġie ċċelebrat it-tielet Kungress fil-belt ta' Liege.

Ir-raba' Kungress Internazzjonali sar fl-1884 fi Freiburg, Svizzera. F'dan il-Kungress, imħeġġin minn Mons. Mermillod, Isqof ta' Lausanne u Ginevra, attendew membri tal-Gvern tat-tliet "Cantons" uffiċċjali tal-Muniċipju ta' Frieburg, imħallfin u uffiċċjali tal Armata, flimkien ma' eluf ta' Kattoliċi mill-Ewropa kollha, fil-purċissjoni solenni bis-Ss.mu Sagrament f'għeluq il-Kungress.

### Il-Kungressi jikbru dejjem iżjed

Il-ħames Kungress sar f'Toulouse, fi Franza, mill-20 sal-25 ta' Ġunju, 1886 u għalih attendew 1500 bejn Isqfijiet, qassisin u patrijiet u tletin elf fidili. Fis-sena 1888, sentejn wara sar is-sitt wieħed bejn it-2 u s-6 ta' Lulju, f'Pariġi, fi Franza. Iċ-ċentru f'dan il-Kungress kienet il-knisja tal-Qalb ta' Ġesù Fuq Montmartre. Il-belt ta' Antwerp, il-Belġju, laqgħet is-seba' Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar bejn il-15 u l-21 ta' Awissu, 1890. F'dan il-Kungress, il-Benedizzjoni Solenni bis-Santissimu ġiet mogħtija mill-Kardinal Goosens, Arċisqof ta' Mechlin.

### L-Ewwel Kungress barra mill-Ewropa

It-tmien Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, sar f'Ġerusalemm, bejn l-14 u l-21 ta' Mejju, 1893. Fih saret talba għall-għaqda Orjentali, u l-Adorazzjoni f'ġieħ is-Santissimu Sagrament ġiet ippredikata mill-post stess fejn Ġesù bata l-agunija fil-Ġnien taż-Żebbuġ. Is-sena ta' wara, 1894, sar id-disa' Kungress bejn il-25 u d-29 ta' Ġunju, f'Rheims, Franza, u għalih kienu preżenti wkoll il-Knejjes tal-Lvant. Għall-ewwel darba kien ingħata lok għal studju ta' mistoqsijiet soċjali li jaffettwaw il-klassi tal-ħaddiema.

### Il-Kungress f'Malta fl-1913.

La qegħdin infakkru dawn il-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali ma rridux inħallu barra l-Kungress li sar f'Malta fl-1913. F'dan il-Kungress li l-qofol tiegħu kien bejn it-23 u s-27 ta' April, ħadu sehem 39 Isqof, fosthom l-Arċisqof ta' Katanja, il-Kardinal Giuseppe Nava, il-Kardinal Lualdi ta' Palermo, il-Kardinal Francis Bourne ta' l-Ingilterra, u l-Kardinal Almaras y Santos ta' Sivilja (Spanja). Kellu bħala legat tal-Papa, il-Kardinal Duminku Ferrata.

Fost diskorsi ta' tagħlim kien hemm dawk bit-tema: il-benefiċċju soċjali tal-Ewkaristija, il-Familja u l-Ewkaristija, l-Ewkaristija u t-tfal, u l-Vantaġġi ta' l-Ewkaristija fl-aħħar taqbida tal-ħajja. F'dan il-Kungress tkanta għall-ewwel darba l-innu sabiħ "T'adoriam Ostia Divina" kliem (bit-Taljan) tal-poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila, u mużika tas-surmast Ġużeppi Caruana. Dan l-innu hu wieħed mill-aktar innijiet popolari fl-Italja. Aħna llum inkantawh bil-malti: "Nadurawk ja Ħobż tas-Sema", traduzzjoni ta' l-istess awtur Dunn Karm.

*(Tagħrif miġbur minn:* **MONS. F.co BORG**).

# *Ir-Ruzarju: Talba rakkomandata mill-Papiet* (1)

Ftit xhur qabel mewtu, lill-pellegrini ta' Poitiers li żaru Ruma f'April tal-1877, il-Papa Piju XI qalilhom: "Irreċitaw flimkien ir-Rużarju fil-familji tagħkom, kull filgħaxija; din it-talba hekk sabiħa fis-sempliċità tagħha u mogħnija b'tant indulġenzi. Tkun mela din, uliedi, bħala l-aħħar kelma tiegħi, it-tifkira li nħallilkom. Din it-talba ġiet mgħallma lilna mill-istess Omm t'Alla u lilha togħġoba wisq iżjed minn kull talba oħra". Lill-insara ta' Corsica, f'Mejju tal-1877, għamlilhom l-istess rakkomandazzjoni u żied igħid: "Ir-Rużarju Mqaddes huwa Vanġelu żgħir lil dawk kollha li jgħiduh bid-devozzjoni, iwassalhom għal dik il-paċi li hija mwegħda fil-Vanġelu".

(L-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi: Ir-Rużarju fil-Familja, Kap. V p. 21).

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL IZ-ZMENIJIET (6)

MILL-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI

## IL-MADONNA TAL-KARMELU: 16 ta' Lulju

Fil-bidu din il-festa kienet għall-Ordni Karmelitan biss u bdiet issir fl-1322 mill-Papa Ġwanni XXII. Issir f'dak il-jum għax skond it-tradizzjoni fis-16 ta' Lulju, 1251, il-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan San Xmun Stock irċieva minn għand il-Madonna l-Labtu tagħHa. Ġiet approvata mill-Papa Sistu V fl-1587. Wara l-1600 baqgħet tinfirex u fl-24 ta' Settembru, 1726, il-Papa Benedittu XIII xandarha mal-Knisja kollha b'rit ta' festa dupliċi maġġuri. Fl-1960 fi żmien il-Papa Ġwanni XXIII saret tifkira biss, iżda meta taħbat nhar ta' Sibt kien isir l-uffizzju tal-Madonna għal Jum is-Sibt waqt li l-antifona tal-Kantiku ta' Żakkarija (Benedictus) u t-talba fis-sigħat kollha tkun dik tal-Madonna tal-Karmelu. Il-quddiesa kienet tkun jew dik propra tal-festa jew tal-Madonna għal "Jum is-Sibt". Wara l-Konċilju Vatikan II bil-Kostituzzjoni Apostolika "Laudis Canticum" tal-1 ta' Novmbru, 1970, fi żmien il-Papa Pawlu VI reġgħet daħlet fil-Kalendarju bħala tifkira u l-Kummissjoni Liturġika tal-Provinċja Maltija żammitha bħal memorja obbligatorja bl-antifoni tal-Kantiċi ta' Żakkarija u tal-Verġni Marija proprji u b'talba ġdida li tgħid: "Agħmel Mulej, li l-Verġni glorjuża Marija tidħol għalina quddiemek bit-talb qawwi tagħHa u tibqa' dejjem tħarisna biex naslu għand dak li hu l-muntanja vera tagħna Ibnek Ġesù Kristu Sidna li hu Alla u miegħek igħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen".

Il-quddiesa hija tal-komun tal-Madonna bl-istess talba.

Il-muntanja tal-Karmelu għall-poplu Lhudi kienet sinjal u ġabra ta' favuri mis-sema. "Fil-jum tal-imħabba tiegħi jiena ħriġtek mill-Eġittu lejn l-għolja tal-Karmelu" qal il-Mulej Alla lil bint Sijon bħallikieku b'dan il-kliem ried ifakkar fil-ġid kollu tal-Art Imwiegħda.

Kien magħruf fuq kollox dak li wettaq il-profeta Elija. Waqt li nixfa kbira ħakmet u qerdet l-art, il-profeta biex iwissi lill-poplu li kien miexi wara l-qassisin ta' l-allat foloz ġabarhom fuq il-Karmelu. Minn hemm ra tiela' mill-baħar daqsxejn ta' sħaba li f'malajr kibret u niżlet kotra ta' xita fejjieqa. Dik is-sħaba kienet xbieha tal-Verġni Mqaddsa Marija li ġabet lid-dinja l-ilma tal-grazzja t'Alla. Żewġ grazzji speċjali jintalbu fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu: il-ħelsien mill-Infern u mill-pwieni tal-Purgatorju. Biex dawn niksbuhom b'aktar ħeffa, jiswa li ninkitbu fil-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, nilbsu l-Labtu Mqaddes, ngħixu l-ħajja kasta u ma nieklux laħam nhar ta' Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt ta' kull ġimgħa li jistgħu jinbidlu wkoll ma' xi opra oħra tajba.

*ikompli f'paġna 224*

# SANTA MARIJA






## U L-GŻEJJER MALTIN

Kav. Julian Refalo Rapa

Kemm kienu msejknin missirijietna
li għexu sekli sħaħ fl-adulatrija,
Kemm bnew imqades sbieħ lill-allat tagħhom,
biex fihom, lilhom taw qima u foħrija.

Il-miġja fostna ta' l-Appostlu Pawlu
tat bidu għall-ġrajjiet mill-aktar kbar.
Tul it-tlett xhur li għammar f'dawn il-gżejjer
ta' Ġesù Kristu kien il-kbir ħabbar.

U hekk kif niesna ħaddnu t-tagħlim tiegħu
minn jeddhom kissru dawk l-allat pagani,
hejjew l-imqades kbar li kien hawn tagħhom
fi knejjes sbieħ, għall-ġieħ tad-Din Nisrani.

U bosta kienu l-knejjes u l-kappelli
bi kwadri tal-Madonna ddekorati.
F'kull gżira ż-żewġ parroċċi ewlenija
lill-Kbira Assunta kienu ddedikati.

Kif bdew jitwaqqfu l-parroċċi ġodda
kien hemm fost l-ewwel għaxra msemmija,
ta' Bir Miftuħ, hekk kien jisimha l-Gudja
biex tfakkar Tlugħ is-Sema ta' Marija.

Sa nofs il-medda tas-sittax-il seklu
inbnew fuq sitta u tmenin għamara,
biex dawn ikunu lil Marija Assunta
ta' l-akbar grazzji, xhieda l-aktar ċara.

F'Ħ'Attard, fl-Imġarr, f'Ħal-Għaxaq u fil-Qrendi
f'Ħad-Dingli, il-Gudja, il-Mosta u fl-Imqabba,
tinsab illum ix-xbiha tal-Assunta,
meqjuma bl-akbar għożża, ġieħ u mħabba.




Ġo Għawdex għandna żewġ parroċċi oħra
li għażlu tlugħ is-sema ta' Marija,
biex dan ikun il-jum tal-festa tagħhom.
Fih jaqsmu mas-smewwiet, ferħ u tgawdija.

Fir-raħal taż-Żebbuġ, fil-belt Vittorja,
meqjuma fuq l-artali ewlenija,
tinsab ix-xbiha ta' Marija Assunta,
refuġju kbir, taċ-ċkejkna gżira Għawdxija.

'Mma fost il-knejjes, niċeċ u kappelli,
li hawn, f'ġieħ Tlugħ is-Sema ta' Marija,
tispikka b'mod tal-għaġeb dik Ta' Pinu,
santwarju ħaj, ta' fidi u qdusija.

Għax dan l-imkien għażlitu l-Madonna
sabiex ikun l-għamara ħelwa tagħha,
fejn ta' kuljum ġemgħat ta' pellegrini
fil-ġisem u fir-ruħ, jitolbu s-saħħa.

Kull darba li f'riġlejha niesna nxteħtu
laqgħetu u wettqitu t-talb tagħhom.
Uriet biċ-ċar li daħlet Hi għalihom
għax f'kull tiġrib, f'kull għawġ dlonk waqfet magħhom.

Fil-gwaj, fil-mard, fil-gwerer u d-diżgrazzji
f'Marija l-poplu ttama għall-għajnuna,
u l-Papa Piju Disgħa (IX) mar jaħtarha,
biex tkun ta' Malta u Għawdex il-Patruna.

Ma jista' qatt jintesa Jum l Assunta
li ġie fl-elf disa' mija tnejn u erbgħin,
bil-wasla tal-vapuri ġol-port tagħna.
L-imblokk u l-ħbit mill-ajru sfaw fix-xejn.

Is-sema ried li tasal dik l-għajnuna
ġo Malta mġewħa, imjassra bit-tbatija,
biex joktor dejjem aktar f'dawn il-gżejjer
il-ġieħ lill-Assunzjoni ta' Marija.

Illum fl-Erbgħat, eluf ta' erwieħ devoti
jitolbu lill-Assunta, u jiġu mseddqa.
Jiftakru kif fil-ġuħ daħlet għalihom,
u l-wegħdi tagħhom kollha ġew imwettqa.

Għalhekk hu xieraq li l-ħmistax t'Awissu
ikun imħares b'qima l-aktar kbira.
B'hekk nuru kemm l-imħabba lejn l-Assunta
tinsab imxerrda ma' kull riħ, f'kull gżira.

Fil-Katidral, f'Ta' Pinu u fiż-Żebbuġ
l-istess ġol-Mosta fir-Rotunda tagħha
xbihat l-Assunta ġew inkurunati
biex juru l-għaqda kbira l'għandna magħha.

Kuruni ta' deheb fin ilkoll tajniha
flimkien m'imħabba safja u sinċiera.
Ġeddidna l-wegħda li ma' tul ħajjitna
tad-dnub, ma jkunx hemm waqt li nkunu lsiera.

Ilqagħha nitolbuk O Verġni Mbierka
it-talba li ta' spiss bil-qalb noffrulek,
għax biha ta' kull darba l'intennuha
Maltin u Għawdxin flimkien ħajr inroddulek.

Fuq dawn il-gżejjer l'huma tant għal qalbek
ħallih mifrux il-mant kaħlani tiegħek
biex kif fl-imgħoddi, anke fil-ġejjieni,
dawn jibqgħu fit-twemmin magħquda miegħek.



# Kelmtejn fuq id-Dinjità u l-Kobor ta' l-Omm ta' Alla

*Saċ. Giov. Pio. Briffa Brincati*

**F'din is-sena, il-Knisja latina u orjentali qed tfakkar l-1550 sena minn mindu l-Konċilju ta' Efesu stqarr solennement li Ġesù Kristu hu tassew Alla u veru bniedem; u għalhekk bir-raġun kollu, il-Verġni Mbierka għandha tissejjaħ *Omm Alla.* Il-Knisja tgħallem b'verità ta' Fidi li l-Iben t'Alla sar bniedem bl-opra tal-Ispirtu s-Santu minn Marija dejjem Verġni; u li għalhekk hija tabilħaqq l-Omm Tiegħu vera u naturali. Fi Kristu Ġesù hemm żewġ naturi: id-Divina u l-umana magħqudin flimkien permezz tal-Persuna Tiegħu Divina. Ġesù tnissel fil-ġuf ta' Marija Verġni bl-opra tal-Ispirtu s-Santu: għalhekk l-Iben t'Alla, magħmul bniedem, hu verament Binha; u l-Verġni Santissima, f'sens veru u naturali, hi l-Omm t'Alla: billi *f'Ġesù waħda hija l-Persuna: u din Divina.***

Fi ftit kliem miġbur minn kitba tas-serv t'Alla, Dun Ġorġ Preca: "Marija SS.ma hija l-għaxqa tat-Trinità Divina u hija l-kawża tal-ikbar meravilja għall-anġli u l-bnedmin kollha għax Alla infinitament kbir, għażilha bl-Omm Tiegħu u ried jissuġġetta ruħu lejha, anki b'ubbidjenza l-iktar perfetta, saħansitra li l-ewwel miraklu Tiegħu sar bir-rieda u mill-insistenza qawwija Tagħha, minkejja li Ġesù stess stqarr li kienet għadha ma waslitx is-siegħa Tiegħu biex jopra l-ewwel miraklu.

"Alla wieħed, it-Tliet Persuni Divini ugwali u rejalment distinti, ried li dan l-ewwel miraklu jseħħ minn Alla l-Iben, magħmul bniedem, biex aħna nifhmu tajjeb il-kobor u d-dinjità tal-Verġni l-Omm Immakulata, meta Hu stess issuġġetta ruħu lejha u obda b'mod l-iktar perfett ix-xewqa u r-rieda tagħha, waqt ukoll li ssuġġetta d-Divinità Tiegħu bit-twettiq tal-ewwel miraklu, li Alla l-Imbierek riedu assolutament ikun riservat għall-volontà insistenti tagħha".

San Ġwann jirrakkonta b'dettalji l-iktar sħaħ u sbieħ din il-ġrajja fil-Vanġelu, miktub minnu fid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, li lilna jqanqalna lkoll għall-aqwa mħabba u tama qawwija lejn l-Omm tagħna fis Sema. Jien inħossni nitgħaxxaq meta naqra fuq din l-insistenza tal-Madonna fuq Binha għall-imħabba li wriet lejn il-proxxmu minkejja

t'ħaġa, li nsejħilha aċċidentali, waqt li b'riflessjoni qalbiena nintebaħ sħiħ kemm Alla l-Imbierek iħobb il-Verġni Omm t'Alla li sar bniedem biex jifdi lilna bnedmin.

Mill-kitba ta' San Ġwann naqraw: "Sar tieġ fil-Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien ukoll mistieden mad-dixxipli għat-tieġ.

"U billi naqas l-inbid, omm Ġesù qaltlu: M'għandhomx inbid. Ġesù qalilha: Mara, x'inhu għalija u għalik jekk m'għandhomx inbid? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx.

"Ommu qalet lill-qaddejja: Agħmlu dak li hu jgħidilkom.

"Kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar għat-tisfija tal-Lhud, li jesgħu tnejn jew tliet imkejjel kull waħda.

"Ġesù qalilhom: Imlew il-ġarar bl-ilma, u huma mlewhom sax-xfar. U Ġesù qallhom: Ferrgħuh issa, u newluh lill-kap tal-mejda. U huma ħaduh.

"Meta l-kap tal-mejda daq l-ilma magħmul inbid, li ma kienx jaf mnejn u kif sar, iżda l-qaddejja kienu jafu li mlew il-ġarar bl-ilma, sejjaħ lill-għarus u qallu: Kull bniedem għall-ewwel jagħti l-inbid it-tajjeb, u meta jkun ħadhom jagħti dak li hu agħar minnu, iżd int żammejt s'issa l-inbid it-tajjeb.

"Dan kien il-bidu tal-mirakli mewttqa minn Ġesù, fil-Kana tal-Galilija, fejn wera l-glorja tiegħu. U d-dixxipli tiegħu emmnu fih" (Ġw kap. 2 vv. 1-11).

Ukoll, minn din il-ġrajja, nissokta nifhem dak li jgħallimna d-duttur tal-Knisja San Bażilju li "l-Omm kollha qaddisa mhix barranija, imma hija mparentata bħal waħda tal-familja mat-Trinità Divina".

Alla l-Missier Etern jiġġenera Alla l-Iben Etern. Mill-imħabba tal-Missier u l-Iben jipproċedi Alla l-Ispirtu s-Santu Etern. Il-Missier Alla, mill-eternità jiġġenera l-Iben Alla; u l-Verġni Santissima hija l-Omm li l-Iben Alla hu ġġenerat bniedem fil-milja taż-żmien. L-Ispirtu s-Santu hu bħal għarus infinitament qaddis li bl-opra Tiegħu, infinitament qaddisa, nissel bniedem l-Iben Alla Etern.

Marija Santissima hi l-Omm t'Alla, li sar bniedem. L-Iben Alla Etern hu l-Iben li twieled bniedem mill-Verġni l-Omm Immakulata fil-għar ta' Betlem. F'Nazaret l-anġlu Gabriel ħabbar lill-Verġni l-aktar qaddisa, li hi l-maħtura minn Alla biex **"tnissel fil-ġuf, u jkollha Iben, u ssejjaħlu Ġesù. Dan ikun kbir, u jissejjaħ l-Iben tal-Iktar Għoli...u l-**anġlu wkoll issokta: **"L-Ispirtu s-Santu jinżel fuqek, u l-qawwa ta' l-Iktar Għoli tgħattik. Għalhekk dak li jitwieled ikun il-Qaddis, jissejjaħ Bin Alla" (Lk kap. 1, vv. 31-32, 35).**

L-Anġlu sellmilha: "**mimlija bil-grazzja**" (Lk 1, 28); u ladarba hija l-mimlija bil-grazzja, hija wkoll l-"**Immakulata**": "**l-Imnissla mingħajr tebgħa**" (dogma tal-Immakulat Konċepiment tal-Verġni Santissima); u billi hi "l-Immakulata" u "il-mimlija bil-grazzja" ma setgħetx tkun, anki għal mument wieħed biss, kontra r-rieda t'Alla, anzi b'manjiera u b'mod l-aktar perfett Hi dejjem magħquda mar-rieda t'Alla; u iktar u iktar malli saret l-Omm t'Alla, li minn dak il-ħin **faret** bil-grazzja.

Għalhekk, ir-rieda tagħha matul ħajjitha kollha kienet b'rabta assoluta mar-rieda t'Alla; u minn hawn nista' nikkonkludi li l-Verġni SS.ma, l-Omm Immakulata kienet imnebbħa sħiħ minn Alla biex titlob bl-akbar ħerqa u tinsisti b'qawwa fuq Binha ħalli jwettaq l-ewwel miraklu Tiegħu; u dan kollu Alla riedu biex juri d-dinjità u l-kobor tal-Omm l-Iben Alla magħmul bniedem, li bħala bniedem ried ukoll jissuġġetta l-Omnipotenza Divina Tiegħu għar-rieda Tagħha. Għalhekk għorrief tal-Knisja jistqarru: "Kull ma titlob il-Verġni, l-Omm Immakulata lil Binha Alla, Hu jismagħha u jħarreġ ukoll l-Omnipotenza Tiegħu bħal f'ubbidjenza ta' l-Iben lejn l-Omm, għall-imħabba u l-qima li għandu lejHa.

# Konkors Novelli dwar il-Madonna

## imniedi miċ-Ċentru Kulturali Marjan Ta' Pinu

**Fl-okkażjoni taċ-Ċinkwantenarju mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, li qed jiġi mfakkar b'ċelebrazzjonijiet speċjali din is-sena, iċ-Ċentru Kulturali Marjan qed iniedi Konkors ta' Novelli dwar il-Madonna.**

***REGOLAMENTI U TAGĦRIF IEĦOR:***

1. In-Novella trid tkun miktuba bil-Malti jew bl-Ingliż.
2. Trid tkun twila mhux aktar minn 5 paġni fullscap size ittajpjati double space, u mhux anqas minn 4 paġni.
3. Iż-żmien biex wieħed jista' jidħol għal dan il-Konkors jagħlaq nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 1981.
4. Jingħataw 3 premijiet: l-Ewwel Premju £M15; it-Tieni Premju £M10; it-Tielet Premju £M5.
5. Kull Novella li tidħol għall-Konkors issir proprjetà taċ-Ċentru Kulturali Marjan. Għalhekk iċ-Ċentru jirriserva d-Dritt li jista' jiċħad lill-kompetitur/kompetitriċi l-għoti lura jew il-pubblikazzjoni tax-xogħol letterarju tiegħu/tagħha. Tirriserva d-dritt li tkun tista' tippubblika l istess novelli.
6. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-eżaminaturi tkun finali.
7. Kull kompetitur/kompetitriċi jeħtieġ jibgħat 3 kopji ttajpjati tax-xogħol tiegħu taħt nom de plume f'envelope magħluq. F'envelope ieħor issiġillat tniżżel ismek, in-nom de plume li bgħatt taħtu n-novella, kemm-il sena għandek, u l-indirizz tad-dar tiegħek. Tqiegħed iż-żewġ envelopes f'ieħor u tibagħtu f'dan l-indirizz:

KONKORS NOVELLI, ĊENTRU KULTURALI MARJAN,
SANTWARJU TA' PINU, GĦAWDEX.



# THEJJIJA GHAC-CENTINARJU TAD-DEHRA

## *Il-Papa jilqa' t-Talba tal-Isqfijiet Maltin*

12 Marzo, 1981

Eccellenza Rev.ma,

E pervenuta al Sommo Pontefice la lettera del 31 gennaio u.s., con la quale Ella, insieme con l'Eccellentissimo Vescovo di Gozo, Mons. Nicola Cauchi, Gli ha chiesto di voler designare ufficialmente la città della Valletta e il Santuario mariano "ta' Pinu" nell'isola di Gozo come sedi del IX Congresso Mariologico Internazionale e del XVI Congresso Mariano Internazionale, che si svolgeranno nell'anno 1983.

Sono lieto di significarLe che il Santo Padre ha benevolmente accolto la suddetta supplica. Invocando larga effusione di favori e conforti celesti Egli auspica che i fedeli della cattolica Malta, tanto nella preparazione come nello svolgimento di tali importanti avvenimenti ecclesiastici, diano una vivida e generosa testimonianza di salda fede in Cristo e di filiale devozione alla Vergine Santissima, mentre a conferma della Sua benevolenza, imparte di cuore la propiziatrice Benedizione Apostolica.

Mi valgo volentieri della circostanza per porgere a Lei ed all'Eccellentissimo Mons. Cauchi distinti ossequi.

di Vostra Eccellenza
dev.mo nel Signore
A. Card. Casaroli

A Sua Eccellenza Rev.ma,
Mons. JOSEPH MERCIECA,
Arcivescovo di Malta,
FLORIANA - MALTA.

# L-ITTRA TAL-PAPA MAQLUBA GĦALL-MALTI

12 ta' Marzu, 1981

Eċċellenza Rev.ma,

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa rċieva l-ittra li inti, flimkien ma' l-E.T. l-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, bgħattlu fil-31 ta' Jannar, 1981, u li fiha tlabtu jiddikjara uffiċċjalment il-Belt Valletta u s-Santwarju Marjan Ta' Pinu fil-gżira t'Għawdex bħala s-sedi tad-9 Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u tas-16-il Kungress Marjan Internazzjonali li se jsiru fl-1983.

Għandi l-pjaċir ingħarrfek li l-Q.T. l-Papa laqa' bil-ferħa t-talba msemmija. Għaldaqstant, waqt li jitlob li jinżlu fuqkom grazzji u faraġ mis-sema, huwa jittama li l-fidili kollha ta' Malta Kattolika, kemm waqt it-thejjijiet kif ukoll matul dawn l-avvenimenti ekkleżjastiċi hekk importanti, jagħtu xhieda ħajja u qawwija ta' fidi soda fi Kristu u ta' devozzjoni ġenwina lejn il-Verġni Marija u jagħti bil-qalb il-Barka Apostolika.

Nieħdu din l-okkażjoni biex nibagħtu l-isbaħ xewqat lill-Eċċellenza Tiegħek u lil Mons. Nikol Cauchi.

A. Casaroli,

Lill-Eċċellenza Rev.ma,
Mons. Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta,
Floriana — Malta.

# Iċ-Ċensier...il-Benniena...u Karmni Grima

Kull min jagħmel żjara lill-Mużew ta' Karmni Grima, fid-daħla tar-raħal ta' l-Għarb, ma jistax ma josservax ċerti oġġetti li, bla ma trid iqanqlulek il-kurżità fid-drawwiet u l-ħajja li fiha kienet tgħix it-twajba Karmni Grima. Hemm ħafna oġġetti x'wieħed japprezza li barra li jgħinu ħafna biex fuqhom tinbena l-istorja folkloristika taż-żminijiet ftit imbegħda, għal bosta oħrajn, ċerti oġġetti dejjem qegħdin jibqgħu misterjużi u forsi wkoll jiġu mwaqqgħin għaċ-ċajt. Ħafna nies jagħmlu bosta mistoqsijiet fuq dawn l-oġġetti. Hekk, per eżempju, tisma' lil min jistaqsi: "Karmni, mara tal-kampanja, x'kellha bżonn iżżomm iċ-ċensier fid-dar tagħha? Dak postu mhux fil-Knisja biex jintuża waqt xi funzjonijiet? Għalfejn dawk iż-żewġ pasturi żgħar b'dik il-benniena ċkejkna f'nofshom, qishom xi ħaġa tat-tfal? Kieku kienu fi presepju, fiha u ma fihiex, imma għaliex fil-Mużew poġġewhom f'vetrina għalihom bħallikieku kellhom xi tifsira speċjali? Ma' dawn il-mistoqsijiet ħafna oħrajn jistgħu jiżdiedu għax il-kurżità hija dejjem ħajja f'min jasal wasla sa dan il-Mużew uniku fit-tip tiegħu, fil-gżejjer tagħna.

Dawn l-affarijiet għandhom tassew tifsira serja u mportanti fil-ħajja spiritwali li kienet tgħix it-twajba Karmni, għax f'din il-ħajja kien hemm ċerti elementi li kienu jwassluha biex juru kemm verament il-ħajja axxetika tagħha kienet tassew fi grad għoli, u kemm kellha privileġġi kbar mis-Sinjur Alla u minn Ommu Marija SS.ma li tagħha Karmni kienet tassew devota.

## *Il-Ħajja Mistika*

Igħidilna l-Profs. Adolfo Tanquerey li ħafna drabi, Alla tant jiżżewweġ mar-ruħ nisranija, li jagħtiha tħoss saħansitra dak li kien iħoss Hu stess meta kien għadu fid-dinja. Hekk, xi kultant, ir-ruħ tibda tħoss ċerta tbatija u tkun issofri fil-waqt li Ġesù stess jidhrilha, jitkellem magħha u jikkonsolaha. (1) L-istess nistgħu ngħidu li ħafna drabi r-ruħ tkun iġġarrab ferħ tant kbir li ma jkunx possibbli tagħti deskrizzjoni tiegħu (2), għax fil-ħajja mistika, ir-ruħ tant tkun mogħnija b'sentimenti affettivi u ta' mħabba li l-fakultajiet kollha tagħha jikkonċentraw lilhom infushom f'Alla u fl-attributi tiegħu, li l-istess ruħ tkun qisha f'estasi u tiġi li tintilef minn sensiha biex tgħix fil-kontemplazzjoni ta' Alla. F'dan il-grad ta' ħajja, ir-ruħ issir tant sensibbli li tibda turi esternament dak li tkun, b'xi mod, qegħda tħoss internament. (3)

Dan il-grad ta' ħajja hekk għolja nsibuh anke f'bosta ħajjiet ta' qaddisin. S. Duminku ta' Gusman kien jinfexx f'biki kbir u fit-tul meta kien ikun qed iqaddes. Il-B. Gordan ta' Sassonja kien iħoss tant ferħ waqt it-talb li mhux darba jew tnejn semgħuh jgħajjat bil-ferħ fil-kamra tiegħu. S. Tumas minn Akwinu kien jibda jibki meta kien ikanta "Media Vita". S. Katerina minn Siena, bil-ferħ li kienet iġġarrab, kienet tinfexx fi kliem donnu bla sens imma kien ikollu l-qofol tiegħu fl-imħabba t'Alla. Hija stess lil Ġesù dejjem kienet issejjaħlu: "Ġesù ħelu, Ġesù mħabba, Ġesù għarus, eċċ." Minn dawn l-eċċessi ta' mħabba kellha wkoll it-twajba Karmni, meta fil-festi tal-Madonna, speċjalment dik tal-Kunċizzjoni u tal-Lunzjata, kienet tħoss li għandha taqsam il-ferħ tagħha ma' ċerti xebblet twajbin u flimkien magħhom tgħid ir-Ħmistax-il posta tar-Rużarju. Wara kien isir dak l-inċens bħala simbolu tal-ferħ u l-hena li kienet tħoss ir-ruħ fil-kontemplazzjoni ta' dawn il-misteri qaddisa. (4)

### *Sinjali ċari*

S. Lwiġi Grignon M. de Montfort fil-ktieb tad-deheb: "Il-Vera devozzjoni lejn Marija" igħid li meta l-ħajja tal-għaqda affettiva tkun mibnija tassew tajjeb, ir-ruħ bilfors trid issib xi mezzi esterni biex bihom turi dan il-ferħ kbir. Fl-istess Trattat fil-pag. 76 par. 116 igħid li r-ruħ tibda tfittex li tagħmel tagħha dawk l-atti li kien jagħmel Kristu, il-Madonna, jew il-qaddisin fil-ħajja tagħhom. Hekk ir-ruħ timmedita serjament dawk l-atti sbieħ li l-Madonna kienet tagħmel fid-dar tagħha ma' Binha Ġesù, taqdiH, titkellem miegħu, eċċ. Anke timmedita wkoll xi parti sostanzjali mill-ħajja tal-Madonna, bħal dik taż-żjara li għamlet lil qaribtha S. Elizabbetta. Ir-ruħ tistà tieqaf ukoll taħseb fil-fond u għal żmien twil fuq it-talba sabiħa ta' l-Ave Marija għax fiha tara l-messaġġ t'Alla lid-dinja u l-koperazzjoni ta' Marija fil-pjan tas-salvazzjoni. (5) Minn dan jidher ċar li t-twajba Karmni kienet toqgħod għal żmien twil tikkontempla lill-Madonna tbennen lil Ġesù meta kien ċkejken tarbija.

Il-Patri Duminku Cinelli jgħid, li meta r-ruħ tasal f'dan il-grad ta' qdusija, tibda mhux biss titbiegħed mill-ħwejjeġ tad-dinja, imma tant tiddistakka ruħha minnhom, li kważi kważi ma jkunux jeżistu għaliha. (6) Tibda timmortifika lilha nnifisha bi mħabba tal ġenn (S. Katerina minn Siena) titlob f'umiltà msieħba ma' ġenerożità kbira mħabba lejn il-proxxmu paċenzjuża u inkondizzjonata.

### *Il-Frott ta' din il-ħajja*

Meta r-ruħ tidħol f'dan l-istat ta' ħajja hekk għolja, hija tersaq f'intimità kbira m'Alla, li tkun tgħix mhux biss miegħu, imma wkoll għaliH. Karmni tant kellha din l-intimità li mhux darba jew tnejn ħasset li kellha turija lil D. Anton, id-direttur spiritwali tagħha. (7) Hawn ukoll, ir-ruħ tibda tħobb u tfittex is-silenzju mhux biss estern (dak li ma tridx tpaċpaċ bla bżonn) imma anke dak intern (tkeċċi l-ħsibijiet l-oħra kollha biex taħseb biss fuq Alla) u tgħix f'għaqda m'Alla kontinwa. Hekk, it-twajba Karmni, meta kien ikun il-maltemp, kienet tagħmel dejjem is-siegħa ta' l-adorazzjoni fid-dar, u mhux darba jew tnejn "ġie Hu". (8) Kienet ruħ mogħtija għas-sagrifiċċju tant li l-ħajja tkun qed tikonsma bħal ma ż-żejt ikun bil-mod il-mod jiġi kkonsmat fl-istess tazza tal-Madonna li kien ikollha dejjem tixgħel quddiemha.

Mela, ma għandniex għax nistagħġbu li meta nżuru l-Mużew tat-Twajba Karmni, naraw iċ-ċensier u l-benniena flimkien ma' ħafna oġġetti oħra li jfakkruna fil-ħajja mistika tassew għolja li fiha kienet tgħix din ir-ruħ qaddisa.

Ma' dawn iż-żewġ affarijiet li semmejna nistgħu nsemmu bosta oħrajn bħal ma huma s-siġġu tas-Sinjur li ħadd ma kien joqgħod fuqu ħlief "HU" (9), in-niċċa b'Ġesù Bambin rieqed li tiegħu Karmni kellha devozzjoni speċjali (10), il-kwadru tal-Madonna li dejjem kien imżejjen bil-fjuri, imma b'mod speċjali, fil-festi prinċipali tagħHa. (11)

Għalhekk, il-poplu tagħna għandu tassew biex jiftaħar meta jħares lejn mara tassew moħbija fost l-egħlieqi, li kellha tkun daqshekk ixxurtjata u magħżula mill-istess Marija SS.ma biex lilha tafdalha messaġġ tassew uniku u mportanti; dak li tgħid tliet Avemarijiet f'ġieħ it-tlitt ijiem li l-ġisem tagħHa dam fil-qabar. Mill-banda l-oħra, it-twajba Karmni turina li biex tkun qaddis ma hemmx għalfejn tkun

xi teologu mill-aqwa jew xi għaref speċjali; l-importanti hu li tkun doċli għassejħa t'Alla u bil-qalb tpoġġiha fil-prattika fil-ħajja ta' kuljum. Il-grad ta' perfezzjoni li kienet waslet fih Karmni, kien mhux biss don t'Alla (P. Paoulin) imma wkoll rigal lir-ruħ moħbija għall-għajnejn tad-dinja. Tkun ħaġa tajba li kull meta nżuru dan il-Mużew, nieqfu ftit quddiem dan iċ-ċensier u dik il-benniena biex inġibu quddiem għajnejna kemm sigħat twal għaddiet it-twajba Karmni taħseb fuqhom u nitolbuha biex tħeġġeġ fina mħabba kbira u sinċiera lejn Ommna Marija u lejn Binha Ġesù. Hekk iċ-ċensier tagħna jkun l-opri tajba li nagħmlu ta' kuljum, u l-benniena tkun in-nieqa fejn indaqqsu ħajjitna skond issejħa tagħna.

**RIFERENZI:** Mill-ktieb: **"Karmni Grima"** miġbur minn Dun Nikol G. Cauchi, Ph.D., Lic.Sc.Soc., Isqof ta' Għawdex.

1. Paġ. 24; 2. paġ 16; 3. paġ. 26; 4. paġ. 33; 5. ibid.; 6. ibid.; 7. paġ. 25; 8. paġ. 33; 9. paġ. 25; 10. paġ. 28; 11. paġ. 32.

(*minn* **S.A.G.**)

# ĊENTRU KULTURALI MARJAN F'TA' PINU

## • Attività taċ-Ċentru

Minn żmien għal żmien iċ-Ċentru jorganizza attivitajiet marjani, Kompetizzjonijiet u Konkorsi Letterarji Marjani għat-tfal, studenti, żgħażagħ u għall-kategoriji oħra tal-poplu.

## • Faċilitajiet li joffri ċ-Ċentru:

- *Librerija Marjana mgħammra b'kotba b'diversi lingwi fosthom Taljan, Franċiż, Ingliż u Malti.*
- *Numru ta' filmini dwar il-Madonna. Eż. Dehriet ta' Fatima, Lourdes, La Salette, u anke xi leġġendi. Għandna wkoll sett sħiħ ta' 150 slide li jistgħu jintużaw għall-meditazzjoni tal-misteri tar-Rużarju Mqaddes.*

## • Pubblikazzjoni:

**L-unika pubblikazzjoni taċ-Ċentru Kulturali Marjan hija r-Rivista "Madonna ta' Pinu" li toħroġ kull tliet xhur u li għandha ċirkulazzjoni ta' 2000 kopja.**

## • Pia Unjoni Madonna ta' Pinu:

Attività oħra magħquda maċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu hija l-Pia Unjoni Madonna ta' Pinu mwaqqfa fis-Santwarju Ta' Pinu u li tiltaqa' darba fix-xahar. Biex tilħaq l-iskop tagħha li huwa "l-ħidma kontinwa sabiex bil-għajnuna ta' Sidtna Marija tiġi u ssaltan fost il-bnedmin il-paċi ta' Kristu" (Satuti parag. 3), il-Pia Unjoni torganizza kull xahar xi attività speċjali bħal pellegrinaġġi, Via Sagra mis-Santwarju ta' Pinu għal mal-għolja ta' Għammar, u funzjonijiet oħra f'Santwarji u knejjes oħra tal-Madonna. L-istatuti ta' din l-Għaqda ġew approvati mill-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi nhar it-22 ta' Ġunju, 1970.

## • Ġranet tal-Ftuħ:

*Mit-Tnejn sal-Ħamis u s-Sibt: filgħodu biss.*

**KRONAKA TAS-SANTWARJU**



# FTUĦ TAL-FESTI ĊINKWANTINARJI TAL-KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU TA' PINU

Il-Festi Ċinkwantinarji tas-Santwarju Ta' Pinu, fetħu nhar l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 1981. Wara pellegrinaġġ djoċesan immexxi minn Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju, iċ-ċerimonja tal-ftuħ laħqet il-qofol tagħha fil-Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fil-Bażilika Ta' Pinu. Numru kbir ta' Għawdxin ħadu sehem f'din il-funzjoni.



**Il-Konċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Cauchi**



**Poplu numeruż ħa sehem mill-mejda Ewkaristika**

**ĠUNJU:** *ikompli mill-ħarġa ta qabel)*

**20.** Fit-8.00 p.m. saret quddiesa u tkompla lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku.

**21.** Lejlet Jum id-Dehra. Fil 4.45. p.m. saret Translazzjoni Solenni tar-Relikwija mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex. Ħa sehem il-Kapitlu tal-Għarb. Wara saret quddiesa kantata bl-omelija mill-Kan. Dun Ġużepp Grech. Kanta l-Kor tas-Seminaristi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Kan. Martin Portelli.

**Jum id-Dehra**

**22.** Mill-4.30 a.m. sat-8.00 a.m. il-quddies kien kull nofs siegħa. Fid-9.00 a.m. saret Quddiesa Pontifikali mill-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi bl-omelija dwar "il-Qima lejn il-Madonna". Wara ġiet reċitata s-Supplika, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Ħa sehem il-Kor tas-Seminaristi taħt id-direzzjoni tal-Kan. Mro. Martin Portelli. Fit-8.00 p.m. saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Eċċ. T. Mons. Nikol G. Cauchi. Wara saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**25.** Pellegrinaġġ mill-Ħamrun. Qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-Pellegrinaġġ il-Kan. Dun Karm Cini.

**LULJU:**

**2.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Imsida. Il-pellegrinaġġ tmexxa minn Dun Ġużepp Mifsud.

**3.** Bħala parti mill-programm tal-Festi Ċinkwantinarji tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu, l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi mexxa funzjoni għall-morda u l-anzjani.

**4.** Il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa għall-membri tagħha.

**10.** Fr. Joseph Micallef mexxa pellegrinaġġ mill-Ħamrun għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Huwa stess qaddes għall-pellegrini.

**16.** Grupp ta' studenti Franġiskani ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu. Qaddes għalihom Fr. Frankie Debono OFM. Conv.

**19.** F'dan il-jum waslu żewġ pellegrinaġġi, it-tnejn minn Malta; wieħed mill-parroċċa tal-Mellieħa u dan kien organizzat mix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla; l-ieħor mill-parroċċa tal-Marsa organizzat mill-Azzjoni Kattolika u mmexxi minn Fr. Carmelo Dimech.

**22.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Gudja. Dan tmexxa mill-Kappillan tal-parroċċa. Fl-istess jum Dun Ġużepp Mifsud mexxa pellegrinaġġ ieħor għas-Santwarju mill-parroċċa tal-Imsida. Illum ukoll l-istudenti ta' Ġieżu ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu fejn saritilhom quddiesa minn P. Ġużepp Beneditt Xuereb.

**23.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Sant'Elena, Birkirkara u ieħor mill-parroċċa tal-Imsida. Il-pellegrinaġġi kienu mmexxijin mill-Kan. Dun Anton Mallia u minn Dun Ġużepp Mifsud.

**24.** Dun Ġużepp Sultana qaddes għall-grupp ta' pellegrini li ġew mix-Xgħira, Malta. Pellegrinaġġ ieħor tmexxa mill-Kappillan Dun Ġużepp Pace mill-parroċċa ta' Ħad-Dingli.

**26.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Imqabba mmexxi mill-Kappillan Dun Willie Vella. Saret quddiesa folk fil-11.00 a.m.

**28.** Sar pellegrinaġġ minn Malta bħala thejjija għall - Kungress Internazzjonali Marjan. Patri Ewġenju Camilleri qaddes għal dawk li ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ.

**29.** Il-fergħa Nisa tal-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa ta' Kristu Re ta' Raħal Ġdid organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu. Qaddes għall-pellegrini Dun Mario Agius.

**30.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Mosta.

**AWISSU:**

**1.** Bħalma soltu jsir fl-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa fis-Santwarju

tal-Madonna Ta' Pinu.

**7.** Grupp ta' żgħażagħ Maltin għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu fejn saritilhom quddiesa minn Fr. F. Debono.

**10.** Pellegrinaġġ mill-Ħamrun. Mexxa l-pellegrinaġġ Fr. Salvino Vella.

**12.** Waslu żewġ pellegrinaġġi minn Malta. Qaddsu għall-pellegrini Dun Piju Farrugia u Fr. Mario Sammut.

**15.** Lejlet il-Festa Titulari: fl-4.30 p.m. saret it-Translazzjoni tar-Relikwija u wara I Vespri kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**16.** Jum il-Festa: Fl-4.30 p.m. sar il-kant tat-II Vespri mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Fil-5.00 p.m. Quddiesa kantata mill-Kan. Dun Ġużepp Grech.

**18.** Il-Legion of Mary organizzat Manifestazzjoni Marjana fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Pinu. Qaddes l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u fl-omelija tiegħu huwa nsista ħafna dwar il ħtieġa tat-tagħlim tal-katekiżmu.

Illum ukoll wasal pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Imsida. Dan tmexxa minn Dun Ġużepp Mifsud.

**19.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żejtun. Qaddes għall-pellegrini Dun Karm Galea.

**20.** Waslu żewġ pellegrinaġġi minn Malta: wieħed mill-parroċċa tal-Imsida u l-ieħor mill-parroċċa ta' San Bastjan, Ħal-Qormi.

**22.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tas-Santissima Trinità tal-Marsa. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Patri Alfred Xerri u Patri Diego Theuma.

**23.** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Reġina fl-4.15 p.m. sar Għasar kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**25.** Pellegrinaġġ mill-Kommunità tal-Knisja tal-Kunċizzjoni tan-Naxxar. Qaddes Patri Danjel Bonello O.P.

**26.** Grupp ta' abbatini minn M'Scala għamlu quddiesa ta' ringrazzjament fi tmiem il-ġita tagħhom f'Għawdex. Qaddes għalihom fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, Fr. Abela.

**28.** Waqt ħarġa li kellhom f'Għawdex, l-abbatini tal-Imsida, immexxija minn Dun Ġużepp Mifsud, għamlu żjara fis-Santwarju ta' Pinu.

**SETTEMBRU:**

**5.** Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa. Sar ukoll lejl adorazzjoni li tmexxa mill-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex.

**7.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Stella Maris. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-Kappillan Dun Karm Bianco.

Pellegrinaġġ ieħor għas-Santwarju Ta' Pinu sar mis-Sorijiet tal-Bon Pastur. Qaddes għas-sorijiet il-Kan. Spiridione Sammut.

**8.** Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qed isiru fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju ta' Pinu, Fr. Alfred Pitrè mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-Kappillani tas-sorijiet fis-Santwarju ta' Pinu. Numru kbir ta' sorijiet ħadu sehem f'din il-quddiesa.

**10.** Dun Salv Vella mexxa Pellegrinaġġ mill-Kappella tal-Madonna tad-Duluri tal-Ħamrun għas-Santwarju ta' Pinu.

**12.** Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Għaqda Inkapaċitati Għawdxin qaddes għall-grupp ta' handicapped li ġew minn Malta.

# GRAZZI MADONNA.... GHAX SMAJTNI!

**GĦAWDEX:**

Antonio Portelli; Freddy Muscat; Carmen Vella; Bernarda Theuma; Ġużeppa Gauci; M'Anne Cremona; Anġelina Muscat; Anġlu Debrincat; Katerina Spiteri; Maria Hili; Victor Theuma; Karistu Theuma; Carmelo Saliba; Maria Galea; Leli Bonello; Rose Vella; Ġużeppi Tabone; Vitoria Theuma; Maria Portelli; Rita Said; Ġolina Vella; Albert Muscat; Maria Said; Speranza Cauchi.

Carmela Said; John Attard; Rose Attard; Nikolina Azzopardi; Ġuża Azzopardi; Toni Pace; M'Anne Camilleri; Maria Buttigieg; Mikiel Said; Ġużeppa Bigeni; Theresa Mercieca; Josephine Farrugia; Martino Azzopardi; Lina Said; Carmelo Azzopardi; Joseph Mejlaq; Ġużeppa Cauchi; Ġorġina Bajada; Assunta Apap; Rita Portelli; Ċetta Borg; Annie Mercieca; Michael Pace; Ġużeppa Galea; Grezzja Sultana; Toni Calleja; Maria Buttigieg; Lorenzu Spiteri; Mikiel Refalo; Carmen Borg; Carmela Farrugia; Kalanġ Borg; Carmen Agius; Kelina Tabone; Angela Mizzi; Rita Spiteri; Rose Camilleri; Maria Saliba; Grezzja Debono; Franġiska Buttigieg; Sunta Scicluna; Rose Azzopardi; Rose Falzon; Sorijiet Sależjani; Teddy Falzon; Margerit Grima; Angolina Muscat; Rita Mercieca; Roman Refalo; Can. M'Angelo Xerri; Sr. Eufemia Buhagiar; Pawla Theuma; Ċetta Sciberras; M'Anne Camilleri; Mary Grech; Angela Mizzi; Rita Grech.

Phyllis Bonnici; Ċetta Attard; Pawla Grech; Grace Xerri; Toni Portelli; Toni Muscat; Żarena Camilleri; Assunta Vella; Francis Attard; Michael Pace; Rose Tabone; Maria Zammit; Georgia Saliba; Jimmy Grech; Carmel Tabone; Anthony Vella; Tona Mercieca; Francis Calleja; Giacinta Sultana; Loreta Attard; Peter Paul Mejlaq; Salvina Tabone; Geraldo Rapa; Antonietta Gauci; M'Jane Attard; Lina Borg; Theresa Bonello; Nancy Borg; Grace Bajada; Vitoria Grech; Doris Mercieca; Rita Theuma; Stella Cini; Frances Cauchi; Nazzarena Farrugia; Liza Grima; Joseph Curmi; Andrew Briffa; Carmelo Saliba; Benjamin Apap; Anthony Sultana; Ġina Xuereb; Salvina Lanzon; Carmela Azzopardi; Doris Xiberras; Frans Magro; Frankie Attard; Agnes Farrugia; Michael Camilleri; Raymond Buttigieg; Rita Ballucci; Stella Aquilina; Emmanuel Buttigieg.

Gorġina Buttigieg; Lina Cauchi; Paul Xuereb; Frenċ Mizzi; Lina Buttigieg; David Muscat; Anthony Vassallo; Josephine Cauchi; Annunzjata Cauchi; Marcelle Aquilina; Anthony Spiteri; Antonia Zammit; Karmnu Grima; M'Anne Vella; Vicky Galea; Carmela Gatt; Carmelo Buttigieg; Martin Stellini; Ċettina Grech; Tony Borg; Mary Refalo; Margaret Vella; Vincenza Said; Antonia Portelli; Mario Formosa; Phyllis Bonnici; Laura Debattista; Antida Galea; Margerit Saliba; Carmela Piscopo; Ġużeppa Agius; Maria Galea; Francis Azzopardi; Rita Theuma; Maria Camilleri; Rita Mizzi; Josephine Mizzi; M'Anne Saliba; Maria Cassar; Anġlu Mejlaq; Joseph Zammit; Margerit Portelli; Kelina Xerri; Ganna Parnis; Ġużepp Sultana; Miriam Grima; Dolora Grima; Kelina Bonnici; Maria Gauci; Rita Spiteri; Antonia Attard; Ġużepp Buhagiar; Wenza Cashà; Toni Pace; Margret Bugeja; Christina Muscat; Maria Attard; Mary Camilleri; Maria Micallef; Kikku Bajada; Salvu Pace; Rita Tabone; Michael Piscopo; Robert Curmi; Consiglia Azzopardi; Victoria Sultana; Roża Tabone; Tarċisja Borg; Rose Agius; Anġla Mizzi; Carmena Agius; Anne Debattista; Carmen Grima; Maria Muscat; Kelina Bugeja; Stella Attard; Loreta Cardona; Pauline Azzopardi; M'Anne Buttigieg; Pawla Attard; Nata Vella; Salvu Fenech; Josephine Said; Angela Said; Theresa Tabone; Frans Magro; Marcella Magro; Louis Cassar; Joseph Sultana; Pawla Vella; Ġużeppa Hili; Rita Azzopardi; Carmen Mercieca; Tony Muscat; Rita Cauchi; Concetta Cutajar; Marlene Hili; Angela Cauchi; Angelo Mizzi; M'Antonia Portelli; Louis Vella; Rita Xuereb; Salvina Maria Bajada; Ġuża Cauchi; Maria Cordina; Kurun Portelli; M'Anne Muscat; Nazzarena Hili; Grezzju Dimech; France Magro; Theresa Camilleri; Mary Buttigieg; Clementa Grech; Tarċisja Grima; Maria Rapa; Joseph Portelli; M'Anne Stellini; Judith Formosa; Kelinu Cassar; Saveria Cassar; Nancy Borg; Ġorġina Bartolo; Jessie Muscat; Maria Vella; Angela Azzopardi; Charlie Azzopardi; Carmelo Saliba; Tony

Cassar; Emmanuel Xuereb; Catherine Zammit; Ursola Camilleri; Joseph Galea; Louis Vassallo; Salvu Gauci; Josephine Grima; Joseph Sammut; Ġużeppa Saliba; Phyllis Bonnici; Nina Cremona; Rita Farrugia; Ġorġ Farrugia; Sylvana Farrugia; Joe Xuereb; Mary Buhagiar; Elizabeth Attard; Ġorġa Cremona.

## MALTA:

Anthony Bajada, Gaetano Magri, Carmelo Muscat, Freddie Zammit; Mary Curmi; Carmela Zammit; Doris Vassallo; Maria Dimech; Loreta Xuereb; Alfred Spiteri; Ċettina Falzon; Salvina Grima; Carmelo Caruana; Josette Cassar; Walter Galea Cassar; Louis Formosa; Carmen Micallef; Ester Aquilina; Ġuża Galea; Michael Camilleri; Phillip Camilleri; Ġuża Vella; Carmelo Vella; Josephine Xerri; Manwela Bonnici; Doris Pace; Ġuża Attard; Catherine Deguara; Michael Grech; Theresa Magro; Carmela Sant; Frenċ Dimech; Maria Spiteri; Victor Fenech; M'Ann Mifsud; Ninu Azzopardi; Doreen Borg; Anthony Bajada; Joseph Azzopardi; Salvu Cutajar; Josephine Dalli; Dolores Saliba; Rożina Scicluna; Salvu Zammit; Paċikk Xerri; Lina Farrugia; Carmen Sejkel; Antonia Ciantar; Carmen Zarb; Victoria Micallef; Ċensina Agius; Margret Bianchi; Mrs. Borg Testaferrata; Antonia Busuttil; Manwel Tabone; Marisa Zarb; Joyce Caruana; Frances Spiteri; Carmen Chircop; Joseph Spiteri; Anġolina Cauchi; Ġuża Dalli; Ċettina Cauchi; Carmela Attard; Frans Gauci; C. Borg; Ġorġa Debono; Emmanuela Camilleri; Dominka Mamo; Miriam Borg; Loreto Frendo; Elena Bartolo; David Attard; Joan Attard; John Selvaggi; J. Camilleri.

## AWSTRALJA:

Vicky Sultana; Francis Vella; Carmen Vella; Vicky Muscat; Charlie Vella; John Haber; Eugenia Calleja; Lina Vella; Mary Saliba; Mary Galea; Ġuża Galea; Nancy Camilleri; Tedia Zammit; John Saliba; Stella Axiaq; Mary Mintoff; Katrina Cordina; Salvina Pace; Grace Farrugia; Toni Muscat; Grezzja Micallef; Ersilja Sammut; Nazzareno Grima; Twanny Camilleri; Kelinu Cassar; Emmanuel Grech; Rose Cini; Mary Bajada; Mary Cauchi; Jane Cassar; Mrs. R. Hili; Mrs. S. Cini; Mrs. A. Hili; Mary Ellul.

## U.S.A.

Mary Saliba; Ġorġ Saliba; Stella Mercieca; Angela. Farrugia.

## CANADA:

Lorry Attard; Rita Said; Rita Portelli; Henry Mizzi; Mary Caruana.

# QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Kan. Carmelo Cini; Fr. Gio. Maria Cauchi; Fr. Rosario Borg; Can. John Gauci; Arċip. Lwiġi Vella; Can. P. Mejlaq; Fr. Carmelo Cassar; Can. Gius. Farrugia Dimech; Fr. Peter Sammut; Dun Salv Azzopardi; Arċip. Gius. Borg; Dun Mikiel Attard; Dun Gużepp Attard; Dun Gwann Galea; Fr. Angelo Buttigieg; Fr. A. Scicluna OFM.; Fr. Josephus Mallia OFM. Cap.; Fr. Paul Genovese; Fr. Victor Grech; Fr. J. Bugeja; Fr. Adrian Caruana Colombo; Fr. Francis Bonnici; Fr. Carmel Busuttil; Rev. Carmel Farrugia; Fr. Joachim Mercieca O.F.M. Cap.; Can. Salv Pace; Can. Salv Camillleri; Mons. Francesco Borg; Mons. M'Angelo Apap; Fr. Peter Paul Mejlaq OFM.; Rev. Salv Sultana; P. Albert Micallef OFM.; Fr. Ġwann Mizzi; Dun Marjan Zammit; Fr. Salv Tabone; Mons. Gius. Azzopardi; Fr. Joseph Mintoff; Arċip. Ġ. Zerafa; Can. Benjamin Attard; Can. M'Angelo Xerri; Kapp. Dun Franġisk Debrincat; Fr. Ġorġ Vella; Rev. Agostino Azzopardi M.S.S.P.; Fr. Albert Curmi; Fr. Elia Vella M.S.S.P.; Fr. Remigio Galea Cap.; Dun Karm Hili; Can. Salv Curmi; Mons. Joseph Buttigieg; Can. Martin Portelli; Mons. Gius. Curmi; Fr. Salv Grima; Fr. Giovanni Cremona; Fr. Joseph Piscopo; Fr. G. Sacco; Fr. Lawrence Sciberras; Rev. Spiridione Cutajar; Saċ. Effie Masini; Saċ. Joseph Mifsud; Fr. Anthony Saliba; Mons. Ant. Grech Vella; Rev. Stephen Fava; Rev. Alberto Brincat O. Carm.; Fr. Vincent Portelli O.P.; Fr. George Grima; Fr. Coronato Grima - Gibraltar; Fr. Charles Cini SDB.; Fr. Joseph Micallef OFM.; Can. Victor Cilia; Fr. Manwel Cutajar; Can. Gius. Tabone; Dun Manwel Curmi; Fr. Frankie Debono; Fr. Robert Agius OFM. Conv.; Can. Joseph Theuma; Fr. Peter Xuereb; Fr. Carmelo Mifsud; Fr. Anton Dimech OFM. Cap.; Fr. Salvino Vella; P. Anġeliku Vella; Rev. Fr. Martin Caruana O.P.; Rev. Fr. Dominic Cachia MSSP.; Fr. Anġeliku Gatt OFM. Cap.; Can. Joseph Borg - Canada; P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM.; Bro. Charles Diacono OFM.; Fr. Edwin André Galea - Ont. Canada; Can. Antonio Mallia; Fr. Frans Azzopardi; Fr. Joseph Pace; Arċip. Eucharist Sultana; Ca. Anton Refalo; Fr. Mario Vassallo; Rev Alfred Grima - Toronto, Canada; Fr. Eugine Camilleri OCD.; Fr. Rafel Flask OFM.; Fr. Eusebius Debono OCD.; Dun Mikiel Degiovanni; Dun Mikiel Zammit; Dun Mikiel Cefai; Fr. Archangel Azzopardi OFM. Cap.; Fr. Remigio Galea Cap.; Fr. Arthur Saliba OFM. Conv.; Fr. Anthony Aquilina N.S.W. Aust.; Fr. Daniel Bonello O.P.; P. Ugolin Maria Xerri OFM. Conv.; Saċ. C. Abela; Saċ Girgor Grech; Fr. Louis Bajada; Can. Spiridione Sammut; Fr. Edwin Agius MSSP.; Fr. Pitrè Alfred S.J.; Fr. Lawrence Theuma; Rev. Fr. Salvino Vella; Fr. Anthony Aquilina; Saċ. Salv Sammut; Fr. Emmanuel Bugeja; Fr. Joe Zahra; Fr. Victor Scicluna, Fr. Paul Fenech; Fr. Francesco Ellul; Can. Kapp. Vincent Balzan; Eċċ. Tiegħu Mons. Nicolaus Arċ. ta' Ateni; Eċċ. Tiegħu Mons. Emmanuel Gerada, Apostolic Pro Nuncio ta' Istanbul; Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex; Fr. Carmelo Borg.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Keith Vella Muscat — Victoria; Tracy Porter — Sliema; Maria Azzopardi — Cospicua; Anthony-George Bonanno — Mosta; Mark Vella — Cospicua; Massimo Camilleri — Mġarr, Malta; Gay-Eleonor Cutajar — St. Venera; Clare Cassar — Valletta; Maria-Dolores Schembri — Fgura, Malta; Kevin Theuma — Victoria; Joy Attard — Victoria; Carmelino Calleja — Xagħra; Joseph Cassar — St. Lawrence; Amelda Grima — St. Lawrence; Priscilla-Christin Sagona — Paola; Johan-Giovanni Attard — B'Kara; Miriam Azzopardi — Sannat; Mary Agius — Dingli; Kevin Dimech — Ont. Canada; Alex Dimech — Ont. Canada; Jason Dimech — Ont. Canada; Ruben Mercieca — Victoria; Andrew Saliba — Żebbuġ; Brian-Joseph — N.Y. U.S.A.; Mathew Zarb — San Ġwann; Claudine Gili — Paola; Alfred Attard — Msida; Daniela Sillato — Victoria; Rose-Anne Azzopardi — Zejtun; Marisa Vella — St. Paul's Bay; Anthony Vassallo — Mgarr, Malta; Matthew Mercieca — Victoria; Geffrey Azzopardi — Marsa; Mario Barbara — Żebbuġ, Malta; Joseph Micallef — Qrendi; Vanissa Deguara — Msida; Ruth Curmi — Ħamrun; Kevin Grech — Xagħra; Marvik Zammit — Qormi; Christopher Cuschieri — Żebbuġ, Malta; Diana Caruana — San Ġwann; Grace Borg — St. Andrew's; Adrian Grech — Ħamrun; Audrey Aquilina — B'Kara; Michael Tabone — Victoria; Jason Gauci — B'Zebbugia; Michael & Miriam Debrincat — N.S.W., Australia; Francesca Dimech — Gzira; Jian-Pier Mifsud — Żebbuġ, Malta; Jonathan Sammut — B'Kara; Darin-John Borg — Tarxien; Loretta Galea — N.S.W., Aust.; Joseph Vella — Xewkija; Francanne Ellul — Ħamrun; Michael Cardona — Nadur; Steve Vella — Victoria; Angie Said — Victoria; Annabelle Vella — Rabat, Malta; Tracey-Maria Portelli — Nadur.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Philip Bonello mix-Xagħra u Rose Tabone miż-Żebbuġ; Anġlu Tabone u Carmen Muscat min-Nadur; Francis Micallef u M'Dolores Spiteri minn Victoria; Joe Cassar mill-Għarb u Lucy Camilleri mill-Għasri; Carmelo Muscat minn Victoria u Francesca Said min-Nadur; Ġorġina Refalo mix-Xagħra u Frankie Mercieca mill-Gżira; Peter Paul Vella min-Nadur u Emmanuela Xerri mill-Fontana; Leli Sultana mix-Xagħra u Margaret Cassar minn Sannat; Maria Cauchi minn Victoria u Carmen Xerri minn Fontana; Domenic Bilocca minn Valletta u Antonia Gatt mix-Xagħra; Raymond Buttigieg u Doris Portelli mill-Qala; Luċija Cassar minn Kerċem u Raymond Sultana mix-Xagħra; M'Anne Piscopo u Emmanuel Micallef mill-Għarb; Salvina Cutajar u Carmel Cutajar mill-Qala; Anġlu Grima mill-Mellieħa u Mary Mizzi mill-Għasri; Elizabeth Mizzi mill-Għarb u Anġlu Debrincat mix-Xewkija.

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Mary-Anne bint Kelinu Piscopo u Ġiġa neè Agius mill-Għarb; Brian-Joseph bin Joseph Camilleri u Nancy Zammit miż-Żebbuġ; Claire bint Terrence Oak u Pauline Neè Camilleri minn Victoria; Bertrand bin Ludgard Gatt u Rosalind neè Camilleri minn Victoria; Joseph bin Eucharist Mizzi u Doris Debattista minn Victoria; Angie bint Anton Said u Rose neè Mizzi minn Victoria.

## IL-MADONNA TAL-KARMELU

*Jaqbad minn paġna 207*

Il-Madonna tgħożż ħafna l-ħeġġa għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Matul ħajjitha fil-qadi tal-missjoni tagħha dejjem tidher tispikka bħala Korredentriċi, Feddejja ma' Binha Ġesù mit-Tħabbira tagħha sa fuq il-Kalvarju: mill-miġja tal-Ispirtu s-Santu f'Għid il-Ħamsin sat-Tlugħ tagħha fis-sema; meta nebbħet ir-Rużarju kif ukoll meta tat il-Labtu. Nitolbuha l-għajnuna biex nimxu fuq il-passi tagħha meta nagħtu ruħna għall-apostolat għas-salvazzjoni tal-erwieħ.

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.
- TRID TOFFRI RIGAL UTLI LIL ĦABIBEK? ABBONAH FIR-REVISTA "MADONNA TA' PINU".

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hi magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madanakollu marbuta flimkien mar-razza ta'Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu)....għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*